ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

**Ħarġa Speċjali ***
**14 ta' Ġunju 2005**

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Avviż Nru — Werrej — Paġna

I *Tagħrif*

**Kunsill**

Pożizzjoni komuni (KE) Nru 19/2005 adottata mill-Kunsill nhar is-17 ta' Frar 2005, skond il-proċedura ta' l-Artikolu 251 tat-trattat li jwaqqaf l-Unjoni Ewropea, bl-għan li jiġi adottat ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin jew ħerġin mill-Komunità ......... 1

Pożizzjoni komuni (KE) Nru 20/2005 adottata mill-Kunsill nhar is-7 ta' Marzu 2005, skond il-proċedura ta' l-Artikolu 251 tat-trattat li jwaqqaf l-Unjoni Ewropea, bil-ħsieb li tiġi adottata d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-għoti ta' privattiva privattiva għal invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter ......... 9

Pożizzjoni komuni (KE) Nru 21/2005 adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2005, skond il-proċedura ta' l-Artikolu 251 tat-trattat li jwaqqaf l-Unjoni Ewropea, bil-għan li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġbir ta' kontijiet trimestrali mhux finanzjarji skond is-settur istituzzjonali ......... 16

Pożizzjoni komuni (KE) Nru 22/2005 adottata mill-Kunsill fl-4 ta' April 2005, skond il-proċedura ta' l-Artikolu 251 tat-trattat li jwaqqaf l-Unjoni Europea, bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda għat-tnejn-u-għoxrin darba d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-markiting u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (ftalati f'ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal) ......... 24

MT

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU C 144 E.

I

*(Tagħrif)*

# KUNSILL

## POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 19/2005

**adottata mill-Kunsill nhar is-17 ta' Frar 2005**

**bl-għan li jiġi adottat ir-Regolament (KE) Nru …/2005 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' … dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin jew ħerġin mill-Komunità**

(2005/C 144 E/01)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 95 u 135 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Wieħed mid-dmirijiet tal-Komunità huwa li tippromwovi l-iżvilupp armonjuż, bilanċjat u sostenibbli ta' l-attivitajiet ekonomiċi fil-Komunità kollha billi tistabbilixxi suq komuni u unjoni ekonomika u monetarja. Għal dan l-għan is-suq intern jinkludi spazju mingħajr fruntieri interni li fih jiġi żgurat il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital.

(2) L-introduzzjoni fis-sistema finanzjarja tar-rikavat ta' attivitajiet illegali u l-investiment ta' dan ir-rikavat wara r-riċiklaġġ tiegħu huma dannużi għall-iżvilupp ekonomiku f'saħħtu u sostenibbli. Għaldaqstant, id-Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE ta' l-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-fini tal-ħasil tal-flus [3]introduċiet mekkaniżmu komunitarju li jimpedixxi l-ħasil tal-flus billi jissorvelja t-tranżazzjonijiet li jsiru permezz ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew finanzjarji u ċerti tipi ta' professjonijiet. Billi hemm ir-riskju li l-applikazzjoni ta' dak il-mekkaniżmu jwassal għal żieda fil-movimenti ta' flus kontanti għal finijiet illeċiti, id-Direttiva 91/308/KEE għandha tiġi supplimentata b'sistema ta' kontroll fuq il-flus kontanti li jidħlu jew joħorġu mill-Komunità.

(3) Fil-preżent tali sistemi ta' kontroll huma applikati biss minn ftit Stati Membri, li jaġixxu skond il-liġi nazzjonali. Id-differenzi fil-liġijiet huma dannużi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern. L-elementi bażiċi għandhom għalhekk jiġu armonizzati fuq il-livell komunitarju biex jiġi żgurat livell ekwivalenti ta' kontroll fuq movimenti ta' flus kontanti li qed jaqsmu l-fruntieri tal-Komunità. Tali armonizzazzjoni ma għandhiex, madankollu, taffetwa l-possibbiltà għall-Istati Membri li japplikaw, skond id-dispożizzjonijiet eżistenti tat-trattat, kontrolli nazzjonali fuq movimenti ta' flus kontanti fi ħdan il-Komunità.

(4) Għandu jittieħed kont ukoll ta' attivitajiet kumplimentari mwettqa f'fora internazzjonali oħra, partikolarment tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja dwar il-Ħasil tal-Flus (*FATF*) li ġiet stabbilita mill-Laqgħa Għolja tal-Ġ7 li saret f'Pariġi fl-1989. Ir-Rakkomandazzjoni Speċjali IX tat-22 ta' Ottubru 2004 ta' l-FATF tinterpella lill-gvernijiet sabiex jieħdu miżuri ħalli jiġu skoperti movimenti fiżiċi ta' flus kontanti, inkluża xi sistema ta' dikjarazzjoni jew xi obbligu ieħor ta' svelar ta' informazzjoni.

---

[1] ĠU C 227 E, ta' l-24.9.2002, p. 574.

[2] Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Mejju 2003 (ĠU C 67 E, tas-17.3.2004, p.259), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2005 u l-Pożizzjoni tal-Parlament Europew (għadha ma ġietx pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[3] ĠU L 166, tat-28.6.1991, p.77. Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2001/97/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 344, tat-28.12.2001, p. 76).

(5) Għaldaqstant, il-flus kontanti li kwalunkwe persuna fiżika ġġorr meta tkun dieħla jew ħierġa mill-Komunità għandhom ikunu soġġetti għall-prinċipju ta' dikjarazzjoni obbligatorja. Dan il-prinċipju għandu jippermetti lill-awtoritajiet tad-dwana sabiex jiġbru informazzjoni dwar tali movimenti ta' flus kontanti u, fejn xieraq, jittrasmettu tali informazzjoni lil awtoritajiet oħrajn. L-awtoritajiet tad-dwana huma preżenti fil-fruntieri tal-Komunità, fejn il-kontrolli huma l-iktar effettivi, u hemm diversi minnhom li diġà bnew esperjenza prattika f'dan il-qasam. Għandu jsir użu tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar l-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri, kif ukoll mill-koperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli ([1]). Din l-assistenza reċiproka għandha tiżgura kemm l-applikazzjoni korretta ta' kontrolli tal-flus kontanti kif ukoll it-trażmissjoni ta' informazzjoni li tista' tgħin biex jinkisbu l-għanijiet tad-Direttiva 91/308/KEE.

(6) Fid-dawl ta' l-għan preventiv u tal-karattru deterrent tiegħu, l-obbligu ta' dikjarazzjoni għandu jiġi sodisfatt meta persuna tidħol jew toħroġ mill-Komunità. Madankollu, sabiex l-azzjoni ta' l-awtoritajiet tiġi ffukata fuq movimenti sinifikanti ta' flus kontanti, dawk il-movimenti ta' EUR 10 000 jew iżjed biss għandhom ikunu soġġetti għal tali obbligu. Għandu jiġi speċifikat ukoll li l-obbligu ta' dikjarazzjoni japplika għall-persuna fiżika li ġġorr il-flus kontanti, mingħajr ma jitqies jekk dik il-persuna hijiex jew le l-proprjetarju.

(7) Għandu jsir użu minn standard komuni għall-informazzjoni li għandha tiġi provduta. Dan jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti sabiex ipartu informazzjoni b'iktar faċilità.

(8) Huwa suġġerit li jiġu stabbiliti d-definizzjonijiet meħtieġa għall-interpretazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament.

(9) L-informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet kompetenti taħt dan ir-Regolament għandha tiġi mgħoddija lill-awtoritajiet msemmija fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/308/KEE.

(10) Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li s-somom ta' flus kontanti huma konnessi ma' xi attività illegali, kif imsemmi fid-Direttiva 91/308/KEE, l-informazzjoni miġbura skond dan ir-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti tista' tiġi mgħoddija lill-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra u/jew lill-Kummissjoni. B'mod simili, għandu jsir provvediment sabiex ċerta informazzjoni tiġi trażmessa kull meta jkun hemm indikazzjonijiet ta' movimenti ta' flus kontanti li jinvolvu somom iktar baxxi mil-limitu stabbilit f'dan ir-Regolament.

(11) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jingħataw is-setgħat meħtieġa biex jeżerċitaw kontroll effettiv fuq il-movimenti ta' flus kontanti.

(12) Is-setgħat ta' l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu supplimentati mill-obbligu ta' l-Istati Memrbi li jistabbilixxu pieni. Madankollu, il-pieni għandhom jiġu imposti biss fin-nuqqas li ssir dikjarazzjoni skond dan ir-Regolament.

(13) Billi l-għan ta' dan ir-Regolament ma jistax jiġi miksub b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista' għalhekk, minħabba l-iskala transnazzjonali tal-ħasil tal-flus fis-suq intern, jinkiseb aħjar fuq livell komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak il-għan.

(14) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti, b'mod partikolari, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**L-Għan**

1. Dan ir-Regolament jikkumplimenta d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/308/KEE dwar tranżazzjonijiet li jsiru permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji u ta' kreditu u ċerti professjonijiet billi jistabbilixxi regoli armonizzati għall-kontroll, mill-awtoritajiet kompetenti, ta' flus kontanti deħlin jew ħerġin mill-Komunità.

2. Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali għall-kontroll ta' movimenti ta' flus kontanti fil-Komunità fejn tali miżuri huma meħuda skond l-Artikolu 58 tat-Trattat.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

1) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità oħra mogħtija s-setgħa mill-Istati Membri biex tapplika dan ir-Regolament;

2) "flus kontanti" tfisser:

(a) strumenti negozjabbli għall-portatur inklużi strumenti monetarji f'forma għall-portatur bħal *travellers cheques*, strumenti negozjabbli (inklużi ċekkijiet, *promissory notes* u *money orders*) li huma jew f'forma għall-portatur, imdawra mingħajr restrizzjoni, mogħtija lil prenditur fittizju, jew inkella f'tali forma li t-titoli tagħhom jiġu trasferiti ma' l-għoti tagħhom, u strumenti mhux kompleti (inklużi ċekkijiet, *promissory notes* u *money orders*) iffirmati iżda mingħajr l-isem tal-prenditur;

([1]) ĠU L 82, tat-22.3.1997, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p.36).

(b) munita (biljetti ta' flus u muniti li huma fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju).

*Artikolu 3*

**Obbligu ta' dikjarazzjoni**

1. Kwalunkwe persuna fiżika dieħla fil-Komunità jew ħierġa mill-Komunità u li ġġorr flus kontanti ta' valur ta' EUR 10 000 jew iżjed għandha tiddikjara dik is-somma lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li minnu tidħol fil-Komunità jew toħroġ mill-Komunità skond dan ir-Regolament. L-obbligu ta' dikjarazzjoni ma jkunx ġie sodisfatt jekk l-informazzjoni provduta ma tkunx korretta jew ma tkunx kompleta.

2. Id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha jkollha d-dettalji dwar:

(a) id-dikjarant, inklużi l-isem sħiħ, id-data u l-post tat-twelid u n-nazzjonalità;

(b) il-proprjetarju tal-flus kontanti;

(ċ) min hu intiż li jirċievi l-flus kontanti;

(d) l-ammont u n-natura tal-flus kontanti;

(e) il-provenjenza u l-użu intiż tal-flus kontanti;

(f) ir-rotta tat-trasport;

(g) il-mezz tat-trasport.

3. L-informazzjoni għandha tiġi provduta bil-miktub, b'mod orali jew elettroniku, kif determinat mill-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1. Madankollu, fejn id-dikjarant hekk jitlob, għandu jkollu l-jedd li jipprovdi l-informazzjoni bil-miktub. Fejn tkun ġiet preżentata dikjarazzjoni bil-miktub, għandha tiġi mogħtija kopja ċertifikata lid-dikjarant jekk dan jitlobha.

*Artikolu 4*

**Setgħat ta' l-awtoritajiet kompetenti**

1. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità ma' l-obbligu ta' dikjarazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3, l-uffiċjali ta' l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiġu mogħtija s-setgħa, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali, biex jikkontrollaw persuni fiżiċi, il-bagalji tagħhom u l-mezzi ta' trasport tagħhom.

2. Fejn ikun hemm nuqqas ta' konformità ma' l-obbligu ta' dikjarazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3, jistgħu jiġu miżmuma flus kontanti permezz ta' deċiżjoni amministrattiva skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali

*Artikolu 5*

**Reġistrazzjoni u proċessar ta' informazzjoni**

1. L-informazzjoni miksuba taħt l-Artikolu 3 u/jew l-Artikolu 4 għandha tiġi reġistrata u proċessata mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 3(1) u għandha tkun disponibbli għall-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/308/KEE ta' dak l-Istat Membru.

2. Fejn jidher mill-kontrolli previsti fl-Artikolu 4 li persuna fiżika tkun dieħla fil-Komunità jew tkun ħierġa mill-Komunità b'somom ta' flus kontanti ta' ammonti anqas mil-limitu stabbilit fl-Artikolu 3 u fejn hemm indikazzjonijiet ta' attivitajiet illegali assoċjati mal-moviment ta' flus kontanti, kif inhu msemmi fid-Direttiva 91/308/KEE, dik l-informazzjoni, l-isem sħiħ, id-data u l-post tat-twelid u ċ-ċittadinanza ta' dik il-persuna u d-dettalji tal-mezzi ta' trasport użat jistgħu wkoll jiġu reġistrati u proċessati mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 3(1) u jistgħu jkunu disponibbli għall-awtoritajiet msemmija fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/308/KEE ta' dak l-Istat Membru.

*Artikolu 6*

**Skambju ta' informazzjoni**

1. Fejn hemm indikazzjonijiet li s-somom ta' flus kontanti huma konnessi ma' xi attività illegali assoċjata mal-moviment ta' flus kontanti, kif imsemmi fid-Direttiva 91/308/KEE, l-informazzjoni miġbura permezz tad-dikjarazzjoni prevista fl-Artikolu 3 jew il-kontrolli previsti fl-Artikolu 4 jistgħu jiġu trażmessi lill-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra.

Ir-Regolament (KE) Nru 515/97 għandu japplika mutatis mutandis.

2. Fejn hemm indikazzjonijiet li s-somom ta' flus kontanti jinvolvu r-rikavat ta' frodi jew ta' kwalunkwe attività illegali oħra li tagħmel dannu lill-interessi finanzjarji tal-Komunità, l-informazzjoni għandha tiġi trażmessa wkoll lill-Kummissjoni.

*Artikolu 7*

**Skambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi**

Fil-qafas ta' assistenza amministrattiva reċiproka, l-informazzjoni miksuba skond dan ir-Regolament tista' tiġi komunikata mill-Istati Membri jew mill-Kummissjoni lil pajjiż terz, soġġetta għall-kunsens ta' l-awtoritajiet kompetenti li kisbu l-informazzjoni skond l-Artikolu 3 u/jew l-Artikolu 4 u għall-konformità mad-dispożizzjonijiet pertinenti nazzjonali u Komunitarji dwar it-trasferiment ta' *data* personali lil pajjiżi terzi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar tali skambji ta' informazzjoni fejn dawn huma partikolarment pertinenti għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

**Pieni**

1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-pieni li għandhom japplikaw fejn ikun hemm nuqqas ta' konformità ma' l-obbligu ta' dikjarazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3. Tali pieni għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn … (*), dwar il-pieni applikabbli fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' l-obbligu ta' dikjarazzjoni stabbilit fl-Artikolu 3.

(*) 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 9*

**Il-Valutazzjoni**

Erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 10*

**Id-Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn … (*).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
…

*Għall-Kunsil*
*Il-President*
…

(*) 18-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

# DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

## I. INTRODUZZJONI

Fil-25 ta' Ġunju 2002, il-Kummissjoni ssottomettiet lill-Kunsill ir-Rapport tagħha fuq il-kontroll ta' movimenti ta' flus kontanti min-naħa għal oħra tal-fruntieri flimkien ma' proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus permezz tal-koperazzjoni tad-dwana, ibbażata fuq l-Artikolu 135 tat-Trattat ([1]) ([2]).

Il-Parlament Ewropew ta l-Opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-15 ta' Mejju 2003 ([3]), waqt li adotta 23 emenda għall-proposta.

Il-Kummissjoni ippreżentat lill-Kunsill fit-3 ta' Lulju 2003 proposta emendata dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq ([4]).

Fis-17 ta' Frar 2005, il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu skond l-Artikolu 251(2) tat-Trattat.

## II. L-GĦAN

L-għan tal-proposta hu li tintroduċi obbligu għal persuni fiżiċi biex jiddikjaraw movimenti ta' flus kontanti li jaqbżu livell speċifiku fil-fruntieri esterni ta' l-UE. Barra minn dan, il-proposta timmira li ttejjeb il-kontrolli fil-fruntieri ta' movimenti ta' flus kontanti u li ttejjeb l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti.

## III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI

### 1. Ġenerali

Il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill, skond il-proposta tal-Kummissjoni, timmira li tintroduċi kontrolli armonizzati fil-fruntieri ta' movimenti ta' flus kontanti, u b'hekk tkun qed tissupplimenta d-Direttiva 91/308/KEE ([5]) u tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq intern permezz ta' l-eliminazzjoni tad-disparitajiet attwali fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

### 2. Pożizzjoni tal-Kunsill fid-dettall

Il-Kunsill ħa l-posizzjonijiet li ġejjin dwar l-emendi adottati mill-Parlament Ewropew:

a) *Bażi legali*

Konformi ma' l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (emenda 2) il-Kunsill żied l-Artikolu 95 bħala bażi legali għall-proposta. Il-Kunsill ikkunsidra li l-element prinċipali ta' l-abbozz tar-Regolament m'għandhiex tkun il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus (li għal dan ikun hemm il-ħtieġa ta' bażi legali differenti) iżda l-introduzzjoni ta' kontrolli armonizzati fil-fruntiera għall-movimenti ta' flus kontanti, li għal dan l-Artikolu 95 tat-trattat, li jirregola l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-funzjonament tas-suq intern, jikkostitwixxi l-bażi legali xierqa.

b) *Trasformazzjoni f'Direttiva*

Il-Kunsill ma setax jaċċetta l-emendi tal-PE konnessi mat-trasformazzjoni tal-proposta f'Direttiva (emendi 1, 8, 9, 18, 20, 21, 22, 23), meta jitqies li grad suffiċjenti ta' armonizzazzjoni f'perijodu ta' żmien relattivament qasir jista' jinkiseb biss permezz ta' Regolament, li ġeneralment ikun applikabbli, jorbot fl-intier tiegħu u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

---

([1]) ĠU C 227 E, ta' l-24.9.2002, p. 574.
([2]) COM(2002) 328 final.
([3]) ĠU C 67 E, tas-17.3.2004, p. 259.
([4]) dok. 11151/03 UD 67 EF 35 ECOFIN 203 CRIMORG 51 CODEC 948
([5]) Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE ta' l-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop ta' ħasil ta' flus.

ċ) *Dikjarazzjoni Obbligatorja*

Fil-pożizzjoni komuni tiegħu, il-Kunsill appoġġa l-proposta tal-Kummissjoni għal sistema ta' dikjarazzjoni obbligatorja. Il-Kunsill ma qabilx ma' l-idea li l-Istati Membri jitħallew jagħżlu bejn sistema ta' dikjarazzjoni jew sistema ta' żvelar kif suġġerit mill-Parlament Ewropew (emendi 2, 3, 4, 5, 6, 7, 8, 12, 14, 18, 19). Tali għażla bejn żewġ sistemi tmur kontra l-applikazzjoni uniformi fil-Komunità kollha tal-miżuri proposti. Madankollu, il-Kunsill introduċa grad ta' flessibbiltà billi ħalla l-għażla biex jiġi introdott l-obbligu ta' dikjarazzjonijiet miktuba, orali jew elettroniċi f'idejn l-Istati Membri. Konsegwentement, il-Kunsill qabel li jħassar il-formola tad-dikjarazzjoni li tinsab fl-Anness għall-proposta u li jżid dispożizzjoni dwar l-informazzjoni li trid tiġi provduta fid-dikjarazzjonijiet miktuba, orali jew elettroniċi (ara wkoll il-punt 3.b hawn taħt).

d) *Il-limitu għal dikjarazzjoni*

Il-Kunsill għażel limitu ta' Eur 10 000 li hu aktar baxx mil-limiti previsti fil-proposta tal-Kummissjoni u fl-Opinjoni tal-Parlament Ewropew (emendi 3, 7). Il-limitu aktar baxx jirrefletti l-fatt li l-leġiżlazzjoni ta' ħafna mill-Istati Membri attwalment tipprevedi limiti ferm aktar baxxi u l-limitu inizjalment propost (EUR 15 000) ikun jirriżulta fi tnaqqis kbir fl-intensità tal-kontrolli f'dawk l-Istati Membri.

Il-limitu aktar baxx jibgħat ukoll, f'livell internazzjonali, sinjal ċar tar-rieda tal-Kunsill li jadotta miżuri ta' sorveljanza tal-movimenti ta' flus kontanti billi jiġi introdott limitu strett u uniformi fil-Komunità kollha, faċli biex jiġi implimentat u li jkun jingħaraf malajr mill-vjaġġaturi li jidħlu jew joħorġu mill-Komunità.

e) *Setgħat ta' l-awtoritajiet kompetenti*

Fir-rigward tas-setgħat ta' l-awtoritajiet kompetenti, il-Kunsill qabel mal-Parlament Ewropew (emendi 10 u 17) li din id-dispożizzjoni għandha titqiegħed f'kuntest differenti u b'hekk ġiet imqiegħda fl-Artikolu li jsegwi immedjatament id-dispożizzjoni dwar l-obbligu ta' dikjarazzjoni. F'dak li hu l-kontenut ta' din id-dispożizzjoni, il-Kunsill ikkunsidra li l-għotja ta' setgħat lill-awtoritajiet nazzjonali għandha issir skond il-kondizzjonijiet stabbiliti taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Barra minn dan, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ukoll ikollhom is-setgħa biex jikkontrollaw il-mezz tat-trasport sabiex tiġi kkontrollata l-konformità ma' l-obbligu ta' dikjarazzjoni. Madankollu, il-Kunsill ma żammx il-perijodu ta' żmien massimu ta' tlitt ijiem għad-detenzjoni ta' flus kontanti kif previst fil-proposta u sostnut fl-emenda 11, meta jiġi kkunsidrat li tali limitazzjoni fil-ħin ma tkunx tippermetti l-flessibbiltà meħtieġa biex l-awtoritajiet iwettqu kontrolli u investigazzjonijiet sussegwenti sabiex jiġi determinat jekk f'każ speċifiku kienx hemm bżonn tinbeda proċedura penali.

f) *Definizzjoni ta' "flus kontanti"*

It-*Task Force* ta' Azzjoni Finanzjarja dwar il-*Laundering* tal-Flus (FATF) adottat, fit-22 ta' Ottubru 2004, ir-Rakkomandazzjoni Speċjali IX tagħha dwar il-kurriera ta' flus kontanti. Din ir-Rakkomandazzjoni, miftiehma f'livell internazzjonali, tinkludi definizzjoni ta' "flus kontanti", li l-Kunsill żied fl-abbozz tar-Regolament attwali sabiex jiggarantixxi l-usa' koerenza possibbli tar-regoli f'livelli sew Komunitarji kif ukoll internazzjonali. Kif rikjest fl-emenda 13, it-test jestendi t-tifsira ta' flus kontanti biex ikopri firxa usa' ta' ċekkijiet milli inizjalment propost.

g) *Skambju ta' informazzjoni*

Il-Kunsill iċċara u irristruttura d-dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet (emenda 15):

— L-ewwelnett, hu ċċarat li l-informazzjoni miksuba minn dikjarazzjonijiet jew kontrolli għandha tiġi rreġistrata u pproċessata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u, ġewwa dak l-Istat Membru stess, tkun disponibbli għall-Unità ta' Tagħrif Sigriet Finanzjarju (FIU), waqt li l-punt ta' l-aħħar jiġi wkoll espliċitament inkluż fir-Rakkomandazzjoni Speċjali IX tal-FATF. Fil-każ ta' persuni li jidħlu jew iħallu l-Komunità b'inqas minn EUR 10000 iżda fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' attivitajiet illegali, ċerta informazzjoni dwar din il-persuna tista' wkoll tiġi irreġistrata u ipproċessata mill-awtoritajiet kompetenti ġewwa Stat Membru wieħed u tkun disponibbli għall-FIU ta' dak l-Istat Membru.

— It-tieni, l-informazzjoni miksuba minn dikjarazzjonijiet jew kontrolli tista' tiġi skambjata bejn l-Istati Membri. Għal dan l-iskambju ta' informazzjoni bejn Stati Membri, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn ta' l-aħħar u l-Kummissjoni sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-liġi dwar kwistjonijiet doganali u agrikoli japplika *mutatis mutandis*.

— Finalment, tista' tiġi skambjata informazzjoni ma' pajjiżi terzi, fil-qafas ta' ftehim reċiproku dwar l-assistenza amministrattiva. Madankollu, il-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni hi soġġetta għall-kunsens ta' l-awtorità li tkun inizjalment ġabret l-informazzjoni u għad-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' *data* personali. Il-Kummissjoni għandha tiġi notifikata b'tali skambji ta' informazzjoni fejn dawn ikunu partikolarment rilevanti għall-implimentazzjoni tar-Regolament.

h) *Database konġunta*

Il-Kunsill m'aċċettax l-idea li l-informazzjoni miksuba tgħaddi ġewwa *database* amministrata b'mod konġunt mill-Istati Membri u li tinżamm mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) (emenda 16). Il-Kunsill ikkunsidra li tali dispożizzjoni ma tkunx koperta mill-bażi legali ta' l-abbozz tar-Regolament.

i) *Rapport mill-Kummissjoni*

Fil-pożizzjoni komuni tiegħu, il-Kunsill aċċetta l-idea riflessa fl-emenda 22 u introduċa dispożizzjoni li teħtieġ lill-Kummissjoni tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill erba' snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

## 3. **Elementi ġodda ntrodotti mill-Kunsill**

Barra mill-partiti li dwarhom il-Parlament Ewropew ta l-Opinjoni tiegħu u li fuqhom il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill hi riflessa hawn fuq, il-Kunsill żied l-elementi ġodda li ġejjin fil-proposta:

a) *Firxa ta' applikazzjoni tar-Regolament*

Kontrolli intra-komunitarji ta' flus kontanti jistgħu jinżammu fejn dawn il-miżuri huma f'konformità mat-Trattat.

Barra minn hekk, il-Kunsill adatta l-kopertura ġeografika tar-Regolament waqt li qies li, sabiex ikun hemm trasparenza għall-vjaġġaturi u sabiex tiġi faċilitata l-applikazzjoni tar-Regolament mill-awtoritajiet kompetenti, il-kontroll tal-movimenti ta' flus kontanti għandu jsir meta persuna fiżika tkun dieħla fi jew ħierġa mit-territorju Komunitarju. Din is-soluzzjoni tkun tiżgura wkoll applikazzjoni ġeografika parallela tad-Direttiva 91/308/KEE u ta' l-abbozz tar-Regolament preżenti.

b) *Formola ta' dikjarazzjoni*

Il-formola ta' dikjarazzjoni uniformi proposta mill-Kummissjoni ma ġietx aċċettata mill-Kunsill. Minflok, il-Kunsill ipprefera li d-*data* li trid tingħata tiġi speċifikata fid-dikjarazzjoni. Dan hu intiż sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv ta' l-awtoritajiet kompetenti għal wieħed strettament minimu meta tkun qed tingħabar l-informazzjoni mill-vjaġġaturi, waqt li jiġi żgurat li jinġabar ammont minimu ta' informazzjoni dwar il-movimenti ta' flus kontanti u, sussegwentement, tkun disponibbli biex tiġi skambjata ma' awtoritajiet oħrajn.

ċ) *Kopja ta' dikjarazzjoni bil-miktub*

Fil-każ ta' dikjarazzjoni bil-miktub minn min jagħmel id-dikjarazzjoni, il-Kunsill żied dispożizzjoni li tiżgura li min jagħmel id-dikjarazzjoni għandu jkun intitolat li jirċievi kopja iffirmata tad-dikjarazzjoni jekk issir talba għaldaqstant.

d) *Pieni*

Il-Kunsill issimplifika d-dispożizzjoni dwar il-pieni waqt li allinjaha ma' dispożizzjonijiet simili f'atti legali komparabbli ([1]). L-Istati Membri għandhom għalhekk jintroduċu penali ta' natura effettiva, dissważiva u proporzjonata għall-ksur ta' l-obbligu biex jiġu dikjarati movimenti ta' flus kontanti meta jinqasmu l-fruntieri esterni tal-Komunità. Il-Kunsill aċċetta l-emenda 19 dwar l-estensjoni tat-terminu perentorju għan-notifika lill-Kummissjoni tal-pieni applikabbli. Stabbilixxa perijodu ta' 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament.

## IV. KONKLUŻJONI

L-għan tar-Regolament propost sabiex jiġu introdotti kontrolli armonizzati fil-fruntieri ta' movimenti ta' flus kontanti u sabiex tissaħħaħ il-koperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti hu sostnut mill-pożizzjoni komuni tal-Kunsill. Billi hemm riskju li l-applikazzjoni ta' kontrolli aktar stretti fis-settur finanzjarju wara l-adozzjoni tad-Direttiva 91/308/KEE twassal għal żieda fil-movimenti ta' flus kontanti għal skopijiet illeċiti, il-Komunità tisħaq fuq l-impenn tagħha għall-ġlieda kontra l-problema ta' movimenti illegali ta' flus kontanti permezz ta' l-introduzzjoni ta' obbligu għal persuni fiżiċi li jiddikjaraw movimenti ta' flus kontanti fil-fruntieri Komunitarji 'l fuq minn limitu ta' EUR 10 000, waqt li tevita effetti negattivi possibbli fuq il-funzjonament tas-suq intern bl-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri, permezz ta' Regolament, b'mod armonizzat fil-Komunità kollha.

---

([1]) Ara eż. Art 18 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1383/2003 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar azzjoni doganali kontra merkanzija li hi suspettata li tikser xi drittijiet ta' proprjetà intellettwali u l-miżuri li għandhom jittieħdu kontra merkanzija li tinsab li tkun kisret dawk id-drittijiet.

# POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 20/2005

## adottata mill-Kunsill nhar is-7 ta' Marzu 2005

## bil-ħsieb li tiġi adottata d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar l-għoti ta' privattiva privattiva għal invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter

(2005/C 144 E/02)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Il-kisba tas-suq intern timplika l-eliminazzjoni ta' restrizzjonijiet għaċ-ċirkolazzjoni libera u ta' distorsjonijiet fil-kompetizzjoni, filwaqt li toħloq ambjent li huwa favorevoli għall- innovazzjoni u l-investiment. F'dan il-kuntest il-protezzjoni ta' l-invenzjonijiet permezz ta' privattivi huwa element essenzjali għas-suċċess tas-suq intern. Protezzjoni effettiva, trasparenti u armonizzata ta' invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter fl-Istati Membri kollha hija essenzjali sabiex jinżamm u jiġi nkoraġġut l-investiment f'dan il-qasam.

(2) Jeżistu differenzi fil-protezzjoni ta' invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter offruti mill-prattiċi amministrattivi u l-ġurisprudenza ta' l-Istati Membri differenti. Tali differenzi jistgħu joħolqu ostakoli għall-kummerċ u b'hekk ifixklu l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(3) Tali differenzi jistgħu jikbru hekk kif l-Istati Membri jadottaw prattiċi amministrattivi ġodda u differenti, jew fejn il-ġurisprudenza nazzjonali li tinterpreta l-leġiżlazzjoni attwali tevolvi b'mod differenti.

(4) Iż-żieda regolari fid-distribuzzjoni u l-użu tal-programmi tal-kompjuter fl-oqsma kollha tat-teknoloġija u fid-distribuzzjoni dinjija tagħhom permezz ta' l-internet hija fattur kritiku fl-innovazzjoni teknoloġika. Huwa għaldaqstant meħtieġ li tiġi żgurata l-eżistenza ta' ambjent ottimali għal min jiżviluppa u juża l-programmi tal-kompjuter fil-Komunità.

(5) Għaldaqstant, ir-regolamenti legali li jiggvernaw il-possibiltà li tingħata privattiva għall-invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter għandhom jiġu armonizzati sabiex jiġi żgurat li ċ-ċertezza legali li tirriżulta u l-livell ta' ħtiġijiet mitluba għall-possibiltà li tingħata privattiva jippermettu lill-intrapriżi innovattivi li jieħdu l-vantaġġ massimu mill-proċess ta' invenzjoni tagħhom u jipprovdu inċentiv għall-investiment u l-innovazzjoni. Ċertezza legali tiġi wkoll żgurata mill-fatt li, f'każ ta' dubju dwar l-interpretazzjoni ta' din id-Direttiva, il-qrati nazzjonali jistgħu, u l-qrati nazzjonali ta' l-aħħar istanza għandhom, ifittxu sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja.

(6) Il-Komunità u l-Istati Membri tagħha huma marbuta bil-ftehim dwar aspetti relatati mal-kummerċ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (TRIPS), approvat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 li tikkonċerna l-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, għal dawk is-suġġetti li huma fil-kompetenza tagħha, tal-ftehim milħuqa fil-Uruguay Round ta' negozjati multilaterali (1986-1994) ([3]). L-Artikolu 27(1) tat-TRIPS jipprovdi li l-privattivi għandhom ikunu disponibbli għal kwalunkwe invenzjoni, kemm jekk ikunu prodotti kif ukoll jekk proċessi, f'kull qasam tat-teknoloġija, sakemm dawn ikunu ġodda, jinvolvu pass inventiv u jistgħu jkollhom applikazzjoni industrijali. Barra minn hekk, skond dak l-Artikolu, il-jeddijiet għal privattivi għandhom ikunu disponibbli u jkunu jistgħu jitgawdew mingħajr diskriminazzjoni mill-oqsma tat-teknoloġija. Dawn il-prinċipji għandhom japplikaw f'dan is-sens għal invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter.

(7) Skond il-Konvenzjoni dwar l-Għotja ta' Privattivi Ewropej iffirmata fi Munich fil-5 ta' Ottubru 1973 (Konvenzjoni dwar il-Privattivi Ewropej) u l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-privattivi, programmi għal kompjuters flimkien ma' skoperti, teoriji xjentifiċi, metodi matematiċi, kreazzjonijiet estetiċi, skemi, regoli u metodi għat-twettiq ta' atti mentali, għal logħob jew biex isir negozju, u preżentazzjonijiet ta' tagħrif huma espressament ikkunsidrati bħala li mhumiex invenzjonijiet u għaldaqstant huma esklużi mill-possibiltà li jingħataw privattiva. Din l-eċċezzjoni, madankollu, tapplika u hi ġustifikata biss sal-punt li applikazzjoni għal privattiva jew privattivi jirrelataw mas-suġġett imsemmi hawn fuq jew attivitajiet fis-sens strett tal-kelma, għaliex is-suġġett u l-attivitajiet imsemmija fis-sens strett tal-kelma ma jappartjenux għal qasam tat- teknoloġija.

([1]) ĠU C 61, ta' l-14.3.2003, p. 154

([2]) L-opinjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-24 ta' Settembru 2003 (ĠU C 77E, tas-26.3.2004, p. 230), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2005 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), u l-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta'…. (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) ĠU L 336, tat-23.12.1994, p. 1.

(8) L-għan ta' din id-Direttiva hu li tevita interpretazzjonijiet differenti tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Privattivi Ewropej li jikkonċernaw il-limiti għall-possibiltà li tingħata privattiva. Iċ-ċertezza legali konsegwenti għandha tgħin biex tiġġeġ klima li twassal għall-investiment u l-innovazzjoni fil-qasam tas-softwer.

(9) Il-protezzjoni tal-privattivi tippermetti lill-innovaturi biex jibbenefikaw mill-kreattività tagħhom. Il-jeddijiet ta' privattivi jipproteġu l-innovazzjoni fl-interess tas-soċjetà in ġenerali u m'għandhomx jintużaw b'mod li jmur kontra l-kompetizzjoni.

(10) Skond id-Direttiva tal-Kunsill 91/250/KEE ta' l-14 ta' Mejju 1991 dwar il-protezzjoni legali tal-programmi tal-kompjuter ([1]), l-espressjoni fi kwalunkwe forma ta' programm oriġinali tal-kompjuter hija protetta bid-drittijiet ta' l-awtur bħala xogħol letterarju. Madankollu, ideat u prinċipji li jservu ta' bażi għal kull element ta' programm tal-kompjuter mhumiex protetti bid-drittijiet ta' l-awtur.

(11) Sabiex kwalunkwe invenzjoni tiġi kkunsidrata li tista' tingħata privattiva, għandu jkollha karattru tekniku, u b'hekk tgħajjat lil qasam partikolari teknoloġiku.

(12) Hija kondizzjoni għall-invenzjonijiet in ġenerali li, sabiex jinvolvu pass inventiv, għandhom jagħmlu kontribuzzjoni teknika għat-teknoloġija l-iżjed avvanzata.

(13) Għalhekk, għalkemm invenzjoni implimentata bil-kompjuter tappartjeni għall-qasam tat-teknoloġija, fejn ma tagħmilx kontribuzzjoni teknika għat-teknoloġija l-iżjed avvanzata, kif ikun il-każ, per eżempju, fejn il-kontribuzzjoni teknika tagħha hija nieqsa minn xi karattru tekniku, l-invenzjoni tkun nieqsa minn pass inventiv u b'hekk ma tkunx tista' tingħata privattiva.

(14) Is-sempliċi implimentazzjoni ta' metodu li ma jkunx jista' jingħata privattiva fuq apparat bħal kompjuter mhix fiha nnifisha biżżejjed sabiex wieħed jasal għall-konklużjoni li hemm kontribuzzjoni teknika. Għalhekk, metodu implimentat bil-kompjuter għall-eżerċizzju ta' xi attività ekonomika, metodu ta' proċessar ta' *data* jew metodu ieħor, li fih l-unika kontribuzzjoni għat-teknoloġija l-iżjed avvanzata mhijiex teknika, ma tistax tkun invenzjoni li tista' tingħata privattiva.

(15) Jekk il-kontribuzzjoni għat-teknoloġija l-iżjed avvanzata għandha x'taqsam biss ma' elementi li ma jistgħux jingħataw privattiva, ma jistax ikun hemm invenzjoni li tista' tingħata privattiva irrispettivament minn kif dawn l-elementi jiġu ppreżentati fil-pretensjonijiet. Per eżempju, il-ħtieġa għal kontribuzzjoni teknika ma tistax tiġi evitata sempliċement billi jiġu speċifikati mezzi tekniċi fil-pretensjonijiet għal privattivi.

(16) Barra minn hekk, algoriżmu huwa b'mod inerenti non-tekniku u għaldaqstant ma jistax ikun invenzjoni teknika. Madankollu, metodu li jinvolvi l-użu ta' algoriżmu jista' jingħata privattiva sakemm il-metodu jiġi wżat biex tiġi solvuta problema teknika. Madankollu, kwalunkwe privattiv mogħti għal tali metodu ma għandhiex timmonopolizza l-algoriżmu fih innifsu jew l-użu tiegħu f'kuntesti mhux previsti fil-privattiv.

(17) Il-firxa ta' applikazzjoni tal-jeddijiet esklussivi konferiti minn kwalunkwe privattiv hija definita mill-pretensjonijiet, kif interpretati b'referenza għad-deskrizzjoni u kwalunkwe disinji. Invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter għandhom jiġu pretiżi għall-inqas b'referenza jew għal prodott bħal apparat ipprogrammat, inkella għal proċess imwettaq f'tali apparat. Għalhekk, fejn elementi individwali ta' softwer jiġu wżati f'kuntesti li ma jinvolvux ir-realizzazzjoni ta' kwalunkwe prodott jew proċess pretiż b'mod validu, tali użu ma jikkostitwix ksur tal-privattiv.

(18) Il-protezzjoni legali ta' invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter ma titlobx l-istabbiliment ta' korp ta' liġi separat minflok ir-regoli tal-liġi nazzjonali dwar il-privattivi. Ir-regoli tal-liġi nazzjonali dwar il-privattivi jibqgħu l-bażi essenzjali għall-protezzjoni legali ta' invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter. Din id-Direttiva sempliċement tiċċara l-pożizzjoni legali attwali bil-ħsieb li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, it-trasparenza, u tiġi evitata kwalunkwe tendenza lejn il-konsiderazzjoni li tingħata privattiva lil metodi li ma jistgħux jingħataw privattiva, bħal, per eżempju, proċeduri ovvji jew li mhumiex tekniċi u metodi ta' negozju.

(19) Din id-Direttiva għandha tkun limitata għall-istabbiliment ta' ċerti prinċipji kif japplikaw għall-possibiltà li tingħata privattiva għal tali invenzjonijiet, fejn tali prinċipji huma intiżi b'mod partikolari biex jiżguraw li invenzjonijiet li jappartjenu għal xi qasam tat-teknoloġija u li jagħmlu kontribuzzjoni teknika huma suxxettibbli għal protezzjoni, u bil-maqlub biex jiżguraw li dawk l-invenzjonijiet li ma jagħmlux kontribuzzjoni teknika mhumiex suxxettibbli għal protezzjoni.

(20) Il-pożizzjoni kompetittiva ta' l-industrija tal-Komunità fir-rigward tas-sħab kummerċjali ewlenin tagħha tiġi mtejjba jekk id-differenzi attwali fil-protezzjoni legali ta' invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter jiġu eliminati u jekk is-sitwazzjoni legali hija trasparenti. Bit-tendenza attwali ta' l-industrija tradizzjonali tal-manifattura li tbiddel l-operazzjonijiet tagħha għal ekonomiji bi prezz baxx barra l-Komunità Ewropea, l-importanza tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u b'mod partikolari l-protezzjoni tal-privattivi hija ċara minnha nnifisha.

(21) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 81 u 82 tat-trattat, b'mod partikolari fejn fornitur dominanti jirrifjuta li jippermetti l-użu ta' teknika li għandha privattiva, li hi meħtieġa għall-uniku għan li tiżgura l-konverżjoni tal-konvenzjonijiet użati f'żewġ sistemi jew netwerks differenti ta' kompjuters sabiex jippermettu l-komunikazzjoni u l-iskambju ta' kontenut ta' *data* bejniethom.

([1]) ĠU L 122, tas-17.5.1991 p. 42. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 93/98/KEE (ĠU L 290, ta' l-24.11.1993, p. 9).

(22) Il-jeddijiet konferiti minn privattivi mogħtija għal invenzjonijiet fil-firxa ta' din id-Direttiva mhux suppost ikollhom effett fuq atti permessi skond l-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva 91/250/KEE, b'mod partikolari skond id-dispożizzjonijiet tagħha fir-rigward tad-dekumpilazzjoni u l-interoperabilità. B'mod partikolari, atti li, skond l-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva 91/250/KEE, ma jeħtieġux awtorizzazzjoni tad-detentur tad-drittijiet rigward id-drittijiet ta' l-awtur tiegħu li għandhom x'jaqsmu ma' programm tal-kompjuter jew il-kontenut tiegħu, u li, ħlief għal dawk l-Artikoli, ikunu jeħtieġu tali awtorizzazzjoni, mhux suppost jeħtieġu awtorizzazzjoni tad-detentur tad-drittijiet rigward il-jeddijiet ta' privattivi tad-detentur tad-drittijiet li għandhom x'jaqsmu ma' programm tal-kompjuter jew il-kontenut tiegħu.

(23) Peress li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġu armonizzati r-regoli nazzjonali dwar il-possibiltà ta' privattiva għal invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għaldaqstant jistgħu jintlaħqu aħjar fuq il-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif definit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma teċċedix dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Il-Firxa ta' l-Applikazzjoni**

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli għall-possibiltà ta' privattivi għal invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter.

*Artikolu 2*

**Id-Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "invenzjoni implimentata bil-kompjuter" tfisser kwalunkwe invenzjoni li, t-twettiq tagħha jinvolvi l-użu ta' kompjuter, netwerk ta' kompjuter jew apparat ieħor programmabbli fejn l-invenzjoni għandha karatteristika waħda jew iżjed realizzata għal kollox, jew in parti, permezz ta' programm tal-kompjuter jew programmi tal-kompjuter;

(b) "kontribuzzjoni teknika" tfisser kontribuzzjoni għat-teknoloġija l-iżjed avvanzata f'qasam ta' teknoloġija li huwa ġdid u mhux ovvju għal persuna speċjalizzata fil-qasam. Il-kontribuzzjoni teknika għandha tiġi valutata b'kunsiderazzjoni tad-differenza bejn it-teknoloġija l-iżjed avvanzata u l-firxa ta' applikazzjoni tal-pretensjoni għal privattiv in ġenerali, li għandha tinkludi karatteristiċi tekniċi, irrispettivament minn jekk dawn humiex akkumpanjati jew le minn karatteristiċi li mhumiex tekniċi.

*Artikolu 3*

**Il-Kondizzjonijiet għall-Possibiltà li Tingħata Privattiva**

Sabiex tkun tista' tingħata privattiva, invenzjoni implimentata bil-kompjuter għandha tkun suxxettibbli għall-applikazzjoni industrijali u ġdida u għandha tinvolvi pass inventiv. Sabiex tkun tista' tingħata privattiva, invenzjoni implimentata bil-kompjuter għandha tagħmel kontribuzzjoni teknika.

*Artikolu 4*

**L-Esklużjonijiet mill-Possibiltà li Tingħata Privattiva**

1. Programm tal-kompjuter fih innifsu ma jistax ikun invenzjoni li tista' tingħata privattiva.

2. Invenzjoni implimentata bil-kompjuter m'għandhiex tiġi meqjusa bħala li tagħmel kontribuzzjoni teknika sempliċement għaliex tinvolvi l-użu ta' kompjuter, netwerk jew apparat ieħor programmabbli. Għalhekk, invenzjonijiet li jinvolvu programmi tal-kompjuter, kemm jekk espressi bħala kodiċi sorsi, bħala kodiċi oġġett jew fi kwalunkwe forma oħra, li jimplimentaw metodi għall-eżerċizzju ta' xi attività ta' negozju, metodi matematiċi jew metodi oħra u ma jipproduċu ebda effetti tekniċi minbarra l-interazzjonijiet fiżiċi normali bejn programm u l-kompjuter, in-netwerk jew xi apparat ieħor programmabbli li fih hu operat, ma għandux ikun hemm il-possibiltà li jingħata privattiva.

*Artikolu 5*

**Il-Forom ta' pretensjonijiet**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li invenzjoni implimentata bil-kompjuter tista' tiġi pretiża bħala prodott, jiġifieri bħala kompjuter ipprogrammat, netwerk ipprogrammata ta' kompjuter jew apparat ieħor ipprogrammat, jew bħala proċess imwettaq b'tali kompjuter, netwerk ta' kompjuter jew apparat permezz ta' l-eżekuzzjoni ta' softwer.

2. Pretensjoni għal programm tal-kompjuter, kemm jekk waħdu kif ukoll jekk fuq trasportatur, ma għandhiex tiġi permessa jekk dak il-programm, meta mtella' u eżegwit f'kompjuter, netwerk ipprogrammata ta' kompjuter jew apparat ieħor ipprogrammabbli, ma jattivax prodott jew proċess pretiż fl-istess applikazzjoni ta' privattivi skond il-paragrafu 1.

*Artikolu 6*

**Ir-Relazzjoni mad-Direttiva 91/250/KEE**

Il-jeddijiet konferiti minn privattivi mogħtija għal invenzjonijiet fil-firxa ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva ma għandhomx ikollhom effett fuq atti permessi skond l-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva 91/250/KEE, b'mod partikolari skond id-dispożizzjonijiet tagħha fir-rigward tad-dekumpilazzjoni u l-interoperabilità.

*Artikolu 7*

**Monitoraġġ**

Il-Kummissjoni għandha tagħmel monitoraġġ ta' l-impatt ta' invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter fuq l-innovazzjoni u l-kompetizzjoni, kemm fl-Ewropa kif ukoll internazzjonalment, u fuq in-negozji tal-Komunità, b'mod partikolari l-intrapriżi zgħar u ta' daqs medju, fuq il-komunità li tiddefendi s-softwer liberu, u fuq il-kummerċ elettroniku.

*Artikolu 8*

**Ir-Rapport fuq l-Effetti tad-Direttiva**

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill sa (*)…, fi

(a) l-impatt ta' privattivi fuq invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter fuq il-fatturi msemmija fl-Artikolu 7;

(b) l-adekwatezza tar-regoli li jiggvernaw it-terminu tal-privattivi u d-determinazzjoni tal-ħtiġijiet biex privattiva tkun tista' tingħata, u b'mod iżjed speċifiku jekk teżistix innovità, il-pass inventiv u l-firxa ġusta tal-pretensjonijiet, u jekk ikunx mixtieq u legalment possibbli b'kunsiderazzjoni għall-obbligi internazzjonali tal-Komunità li jsiru modifiki għal tali regoli;

(ċ) jekk ġewx imġarrba diffikultajiet fir-rigward ta' l-Istati Membri fejn il-ħtiġijiet tan-novità u l-pass inventiv mhumiex eżaminati qabel ma tinħareġ privattiva, u jekk iva, jekk humiex mixtieqa xi miżuri biex jiġu ndirizzati tali diffikultajiet;

(d) jekk ġewx imġarrba diffikultajiet fir-rigward tar-relazzjoni bejn il-protezzjoni ta' invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter bi privattiva u l-protezzjoni ta' programmi tal-kompjuter bid-drittijiet ta' l-awtur kif previst mid-Direttiva 91/250/KEE u jekk seħħx xi abbuż tas-sistema ta' privattivi fir-rigward ta' invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter;

(e) kif il-ħtiġijiet ta' din id-Direttiva ġew meqjusa fil-prattika ta' l-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi u fil-linji gwida ta' eżaminazzjoni tiegħu;

(f) l-aspetti li fir-rigward tagħhom jista' jinħtieġ li ssir preparazzjoni għal konferenza diplomatika għar-reviżjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Privattivi Ewropej;

(g) l-impatt ta' privattivi għal invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter fuq l-iżvilupp u l-kummerċjalizzazzjoni ta' programmi u sistemi tal-kompjuter interoperabbli.

*Artikolu 9*

**Ir-Reviżjoni ta' l-Impatt**

Fid-dawl tal-monitoraġġ imwettaq skond l-Artikolu 7 u r-rapport li għandu jiġi mfassal skond l-Artikolu 8, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-impatt ta' din id-Direttiva u, fejn meħtieġ, tissottometti proposti għal emendi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

*Artikolu 10*

**L-Implimentazzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sa … (**). Għandhom minnufih jinformaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ta' liġi nazzjonali, li huma jadottaw fil-qasam iggvernat minn din id-Direttiva.

*Artikolu 11*

**Id-Dħul fis-Seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 12*

**Id-Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| … | … |

(*) Ħames snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) Sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

# ID-DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

## I. INTRODUZZJONI

1. Fl-20 ta' Frar 2002, il-Kummissjoni ssottomettiet proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-possibbiltà li tingħata privattiva għall-invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter ([1]), ibbażata fuq l-Artikolu 95 tat-trattat tal-KE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ta l-Opinjoni tiegħu fid-19 ta' Settembru 2002 ([2]).

3. Il-Parlament Ewropew ta l-Opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-24 ta' Settembru 2003 ([3]).

4. Il-Kummissjoni ma ssottomettietx proposta emendata.

5. Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu skond l-Artikolu 251 tat-Trattat KE fis-7 ta' Marzu 2005.

## II. L-GĦAN

6. L-għan tad-Direttiva proposta hu li jiġu armonizzati l-liġijiet nazzjonali dwar il-privattiva fir-rigward tal-possibiltà li tingħata privattiva għal invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter u li l-kondizzjonijiet ta' tali possibbiltà li tingħata privattiva jiġu magħmula iżjed trasparenti.

## III. POŻIZZJONI KOMUNI

### *Premessi*

7. Il-Kunsill emenda jew għaqqad flimkien għadd ta' premessi li jidhru fil-proposta tal-Kummissjoni u adotta oħrajn. Meta għamel dan, il-Kunsill aċċetta b'mod sħiħ jew parzjali, jew wara riformulazzjoni, l-emendi 1, 2, 88, 3, 34, 115, 85, 7, 8, 9, 86, 11, 12 u 13 tal-Parlament Ewropew. Referenza għall-bidliet ewlenin fil-premessi hi magħmula hawn isfel taħt l-Artikoli rilevanti.

### *Artikoli*

#### L-Artikolu 1 (Firxa ta' applikazzjoni)

8. L-Artikolu 1 ġie aċċettat bħal fil-proposta tal-Kummissjoni. Il-Parlament Ewropew ma ssuġġerixxa l-ebda emenda lanqas għal dan l-Artikolu.

#### L-Artikolu 2 (Definizzjonijiet)

9. Fir-rigward tal-punt (a), il-Kunsill segwa parzjalment l-emendi 36, 42 u 117 tal-Parlament Ewropew billi ħassar il-kliem "wieħed jew iżjed *prima facie*" mid-definizzjoni "invenzjoni implimentata bil-kompjuter", abbażi tal-fatt li dawn mhemmx bżonnhom iżjed u jirriskjaw li joħolqu konfużjoni fir-rigward tar-relazzjoni tagħhom mat-test, li japplika fl-istadju ta' l-eżami tal-possibbiltà li tingħata privattiva għal kwalunkwe invenzjoni.

10. Dwar il-punt (b), il-Kunsill:

    — bidel "qasam tekniku" ma' "qasam ta' teknologija", li hu t-terminu wżat is-soltu fi ftehimiet internazzjonali dwar il-liġi tal-privattiva, bħall-ftehim TRIPS;

    — daħħal il-kliem "ġdid u", sabiex jiċċara l-kriterju għal "kontribut tekniku";

    — żied sentenza oħra (it-tieni waħda), li hi bażikament id-dispożizzjoni ta' l-Artikolu 4(3) tal-proposta tal-Kummissjoni kemm xejn emendata sabiex jiġi ċċarat li anke jekk jista' jittieħed kont ta' karatteristiċi li mhumiex tekniċi fil-valutazzjoni tal-kontribut tekniku ta' invenzjoni partikolari implimentata bil-kompjuter, huwa indispensabbli li kwalunkwe pretensjoni għal privattiva tinkludi karatteristiċi tekniċi wkoll. Din l-idea taqbel ma' parti mill-emendi tal-Parlament Ewropew 16, 100, 57, 99, 110 u 70.

---

([1]) ĠU C 151 E, tal-25.6.2002, p. 129.
([2]) ĠU C 61, ta' l-14.3.2003, p. 154.
([3]) ĠU C 77 E, ta' l-26.3.2004, p. 230

**L-Artikolu 3 tal-proposta tal-Kummissjoni (Invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter bħala qasam ta' teknoloġija)**

11. Dan l-Artikolu impona fuq l-Istati Membri l-obbligu li jiżguraw fil-liġi nazzjonali tagħhom li invenzjonijiet implimentati bil-kompjuter huma kkunsidrati bħala li jagħmlu parti minn qasam tat-teknoloġija. Skond l-emenda 15 tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill iddeċieda li jħassar l-Artikolu 3, meta wieħed iqis li jkun diffiċli li obbligu ġenerali ta' din in-natura jiġi traspost fil-liġi nazzjonali. Bi skambju, il-Kunsill iddeċieda li jsaħħaħ fil-premessa 13 id-dikjarazzjoni rilevanti li tinsab fil-premessa 11 tal-proposta tal-Kummissjoni.

**L-Artikolu 3 (Artikolu 4 tal-proposta tal-Kummissjoni) (Kondizzjonijiet għall-possibbiltà li tingħata privattiva)**

12. Il-Kunsill għaqqad flimkien l-ewwel żewġ paragrafi ta' l-Artikolu 4 tal-proposta tal-Kummissjoni fil-paragrafu wieħed, filwaqt li introduċa emendi żgħar ta' abbozzar bil-ħsieb li tittejjeb iċ-ċarezza tat-test. It-test il-ġdid isegwi kelma b'kelma l-kliem ta' l-Artikolu 4(1) kif propost fl-emenda 16 tal-Parlament Ewropew.

13. Kif diġà ġie msemmi, il-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 4 tal-proposta tal-Kummissjoni ġie inkorporat fid-definizzjoni ta' "kontribut tekniku" taħt l-Artikolu 2(b), peress li nħass li dan isejjaħ lid-definizzjonijiet iżjed milli l-Artikolu intitolat "Kondizzjonijiet għall-possibbiltà li tingħata privattiva".

**L-Artikolu 4 (Esklużjonijiet mill-possibbiltà li tingħata privattiva)**

14. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta' ftehim, il-Kunsill inkluda fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu dikjarazzjoni ċara li tgħid li programm tal-kompjuter ma jistax fih innifsu jikkostitwixxi invenzjoni li tista' tingħata privattiva.

15. Il-paragrafu 2, li jikkorrispondi ma' l-emenda 17 tal-Parlament Ewropew, għandu l-għan li jiċċara l-limiti ta' dak li jista' jingħata privattiva taħt id-Direttiva preżenti u għandu jinqara flimkien mal-premessi 14 sa 16, li jikkorrispondu għall-emendi 85, 7 u 8 tal-Parlament Ewropew. Il-Kunsill madankollu daħħal it-termini "kemm jekk espress bħala kodiċi ta' fonti, bħala kodiċi ta' oġġett jew fi kwalunkwe forma oħra" sabiex jiġi ċċarrat aħjar x'inhu mfisser b' "invenzjoni li tinvolvi programmi tal-kompjuter".

**L-Artikolu 5 (Forma ta' pretensjonijiet)**

16. Il-Paragrafu 1 kien aċċettat bħal fil-proposta tal-Kummissjoni.

17. Il-Paragrafu 2 ġie miżjud sabiex jiġi ċċarat li f'ċerti ċirkostanzi u taħt kondizzjonijiet stretti privattiva tista' tkopri pretensjoni għal program tal-kompjuter, kemm jekk waħdu kif ukoll jekk fuq trasportatur. Il-Kunsill jikkunsidra li dan jallinja d-Direttiva fuq prattika standard attwali kemm fl-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivai kif ukoll fl-Istati Membri.

**L-Artikolu 6 (Relazzjoni mad-Direttiva 91/250/KEE)**

18. Il-Kunsill aċċetta l-emenda 19 tal-Parlament Ewropew, wara li kkunsidra li din hija iktar ċara mit-test tal-proposta tal-Kummissjoni. Neħħa referenzi għal dispożizzjonijiet dwar topografiji semikonduttriċi jew trade marks billi dawn ġew ikkunsidrati bħala irrelevanti f'dan il-kuntest.

19. Il-Kunsill ma aċċettax l-emenda 76 tal-Parlament Ewropew, wara li kkunsidra li din kienet wiesgħa wisq u kienet tkun kontra l-Ftehim TRIPS. Il-Kunsill ikkunsidra li l-kwistjoni ta' l-interoperabbiltà hi diġà koperta b'mod suffiċċjenti mill-Artikolu 6, kif ukoll mill-applikazzjoni ta' regoli ġenerali ta' kompetizzjoni. Dan hu mfisser b'mod ċar fil-premessi 21 u 22 tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill.

**L-Artikolu 7 (Monitoraġġ)**

20. Il-Kunsill aċċetta l-emenda 71 tal-Parlament Ewropew.

**L-Artikolu 8 (Rapport dwar l-effetti tad-Direttiva)**

21. Il-Kunsill żamm it-test tal-proposta tal-Kummissjoni u daħħal l-elementi addizzjonali li ġejjin:

— punt (b): il-kliem "it-terminu tal-privattiva u" ġew miżjuda, kif suġġerit mill-Parlament Ewropew fl-emenda 92; barra minn hekk, minħabba l-emenda 25 tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill introduċa lingwaġġ relatat ma' l-obbligi internazzjonali tal-Komunità;

— punt (d): il-Kunsill aċċetta l-emenda 23 tal-Parlament Ewropew;

— punt (e): il-Kunsill aċċetta l-emenda 26 tal-Parlament Ewropew;

— punt (f): il-Kunsill aċċetta l-emenda 25 tal-Parlament Ewropew, imma neħħa r-referenza għall-privattiva Komunitarja, abbażi tal-fatt li tali referenza tkun irrelevanti f'dan il-kuntest;

— punt (g): il-Kunsill aċċetta is-sustanza ta' l-emenda 89 tal-Parlament Ewropew, filwaqt li għażel kliem iktar ċar.

**L-Artikolu 9 tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (Valutazzjoni ta' l-impatt)**

22. Il-Kunsill aċċetta l-emenda 27 tal-Parlament Ewropew.

**L-Artikolu 10 (L-Artikolu 9 tal-proposta tal-Kummissjoni) (Implimentazzjoni)**

23. B'differenza mill-Parlament Ewropew, li għażel perijodu ta' implimentazzjoni ta' tmintax-il xahar (emenda 28), il-Kunsill għażel perijodu ta' implimentazzjoni ta' erbgħa u għoxrin xahar.

**L-Artikoli 11 (Id-Dħul fis-seħħ) u 12 (L-Indirizzati) (L-Artikoli 10 u 11 tal-proposta tal-Kummissjoni)**

24. Il-Kunsill aċċetta t-test tal-proposta tal-Kummissjoni.

## IV. EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW LI MA ĠEWX AĊĊETTATI

25. Wara li tagħhom kunsiderazzjoni sħiħa, il-Kunsill ma setgħax jaċċetta l-emendi 88 (l-ewwel sentenza), 31, 32, 112, 95, 84, 114, 125, 75, 36, 42, 117, 107, 69, 55/rev, 97, 108, 38, 44, 118, 45, 16, 100, 57, 99, 110, 70 (parzjalment), 60, 102, 111, 72, 103, 119, 104, 120, 76, 24, 81, 93, 94 u 28 tal-Parlament Ewropew.

26. Il-Kunsill ikkunsidra li xi wħud minn dawn l-emendi kienu superfluwi (l-emendi 88 (l-ewwel sentenza), 31, 75, 94), mhux ċari u li jistgħu potenzjalment joħolqu konfużjoni (l-emendi 36, 42, 117, 72, 104, 120), ma kellhom l-ebda konnessjoni diretta mal-kwistjonijiet involuti (l-emendi 95, 24, 81), ma rriflettewx il-prattika stabbilità (l-emendi 32, 112, 16, 100, 57, 99, 110, 70, 102, 111), jew imorru kontra l-obbligi internazzjonali tal-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha taħt il-ftehim TRIPS kif ukoll il-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-privattiva (84, 114, 125, 107, 69, 55/rev, 97, 108, 38, 44, 118, 45, 60, 103, 119, 76, 93).

## V. KONKLUŻJONIJIET

27. Fil-pożizzjoni komuni tiegħu, il-Kunsill aċċetta numru konsiderevoli ta' emendi proposti mill-Parlament Ewropew. Matul il-pożizzjoni komuni kollha, il-Kunsill fittex li jilħaq bilanċ raġonevoli u li jista' jiġi mħaddem bejn l-interessi tad-detenturi tad-drittijiet u dawk ta' partijiet oħra kkonċernati. Il-bilanċ globali tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill ġie rikonoxxut mill-Kummissjoni, li aċċettatu bħala pakkett sodisfaċenti ta' kompromess.

# POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 21/2005

## adottata mill-Kunsill fit-8 ta' Marzu 2005

## bil-għan li jiġi adottat Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-… dwar il-ġbir ta' kontijiet trimestrali mhux finanzjarji skond is-settur istituzzjonali

(2005/C 144 E/03)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 285(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Il-Pjan ta' Azzjoni dwar ir-Rekwiżiti Statistiċi ta' l-Unjoni Ekonomika u Monetarja (EMU) endorsjat mill-Kunsill ta' l-Ecofin f'Settembru 2000 jispeċifika li grupp limitat ta' kontijiet settorjali trimestrali huwa meħtieġ b'mod urġenti, u li dawn għandhom ikunu disponibbli fi żmien 90 jum mit-tmiem tat-trimestru konċernat.

(2) Ir-Rapport Konġunt tal-Kunsill ta' l-Ecofin u tal-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew dwar statistiċi u indikaturi taż-Żona tal-Euro, kif adottat mill-Kunsill ta' l-Ecofin fit-18 ta' Frar 2003, jenfasizza li azzjonijiet bi prijorità għolja f'bosta oqsma, inklużi l-kontijiet nazzjonali trimestrali skond is-settur istituzzjonali, għandhom jiġu implimentati kompletament sa l-2005.

(3) L-analiżi ta' movimenti ċikliċi fl-ekonomija ta' l-Unjoni Ewropea u t-twettiq tal-politika monetarja fi ħdan l-EMU jeħtieġu statistiċi makroekonomiċi dwar l-imġieba ekonomika u l-interrelazzjoni ta' setturi istituzzjonali individwali li jkunu impossibbli li jiġu identifikati f'*data* miġbura fil-livell ta' l-ekonomija in ġenerali. Hemm għalhekk il-ħtieġa li jsiru kontijiet trimestrali skond is-settur istituzzjonali, kemm għall-Unjoni Ewropea in ġenerali kif ukoll għaż-żona ta' l-euro.

(4) Il-produzzjoni ta' dawn il-kontijiet hi parti mill-għan globali li tinġabar sistema ta' kontijiet kull sena u kull trimestru għall-Unjoni Ewropea u għaż-żona ta' l-euro. Din is-sistema tiġbor fiha l-aggregati makroekonomiċi ewlenin u l-kontijiet finanzjarji u mhux finanzjarji skond is-settur istituzzjonali. L-għan hu li tinkiseb konsistenza f'dawn il-kontijiet kollha u, fir-rigward tal-bqija tal-kontijiet dinjija, bejn il-bilanċ ta' pagamenti u d-*data* tal-kontijiet nazzjonali.

(5) Il-ġbir ta' kontijiet Ewropej skond is-settur istituzzjonali, skond il-prinċipji tas-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità kif stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 ([3]), teħtieġ it-trażmissjoni mill-Istati Membri tal-kontijiet nazzjonali trimestrali skond is-settur istituzzjonali. Madankollu, il-kontijiet Ewropej iridu jirriflettu l-ekonomija taż-żona Ewropea in ġenerali u jistgħu jkunu differenti mis-sempliċi aggregazzjoni tal-kontijiet ta' l-Istati Membri. B'mod partikolari, l-għan hu li jittieħed kont tat-tranżazzjonijiet ta' l-istituzzjonijiet u l-korpi ta' l-Unjoni Ewropea fil-kontijiet tal-qasam konċernat (l-Unjoni Ewropea jew iż-żona tal-euro, skond liema jkun applikabbli).

(6) Il-produzzjoni ta' statistiċi Komunitarji speċifiċi ssegwi r-regoli stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 tas-17 ta' Frar 1997 dwar l-Istatistika Komunitarja ([4]).

(7) Peress li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-ġbir ta' kontijiet trimestrali mhux finanzjarji skond is-settur istituzzjonali għall-Unjoni Ewropea u ż-żona tal-euro, ma jistgħux jintlaħqu b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' l-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak il-għan. B'mod partikolari, fejn Stati Membri jagħmlu kontribut negliġibbli għat-totali Ewropej, m'għandhomx ikunu meħtieġa jirrapportaw id-dettalji kollha tad-*data*.

(8) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([5]).

([1]) ĠU C 42, tat-18.2.2004, p. 23.

([2]) L-opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Marzu 2004 (ĠU C 103 E, tad-29.4.2004, p. 141), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tat-8 ta' Marzu 2005 u l-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-... (għadha mhix pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) ĠU L 310, tat-30.11.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1267/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 180, tat-18.7.2003, p. 1).

([4]) ĠU L 52, tat-22.2.1997, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p. 1).

([5]) ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

(9) Il-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom ([1]) u l-Kumitat dwar Statistika Monetarja, Finanzjarja u tal-Bilanċi ta' Pagament stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 91/115/KEE tal-25 ta' Frar 1991 ([2]) ġew ikkonsultati,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**L-Għan**

Dan ir-Regolament jipprovdi qafas komuni għall-kontributi ta' l-Istati Membri għall-ġbir ta' kontijiet Ewropej trimestrali mhux finanzjarji skond is-settur istituzzjonali.

*Artikolu 2*

**It-Trażmissjoni ta' kontijiet Trimestrali mhux Finanzjarji Skond is-Settur Istituzzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni l-kontijiet trimestrali mhux finanzjarji skond is-settur istituzzjonali, kif speċifikat fl-Anness, ħlief, għall-ewwel, il-punti P.1, P.2, D.42, D.43, D.44, D.45 u B.4G.

2. Għandha tiġi adottata skeda ta' żmien għat-trażmissjoni tal-punti P.1, P.2, D.42, D.43, D.44, D.45 u B.4G, rispettivament, u kwalunkwe deċiżjoni dwar il-ħtieġa ta' tqassim tat-tranżazzjonijiet elenkati fl-Anness skond is-settur kontroparti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2). Kwalunkwe deċiżjoni tali m'għandiex tiġi adottata qabel ma l-Kummissjoni tkun irrapportat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament skond l-Artikolu 9.

3. Id-*data* trimestrali msemmija fil-paragrafu 1 għandha titwassal lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 90 jum kalendarju wara li jintemm it-trimestru li għalih tirreferi d-*data*. Matul perjodu transitorju ta' tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament id-*data* trimestrali msemmija fil-paragrafu 1 għandha titwassal lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 95 jum kalendarju wara t-tmiem tat-trimestru li għalih tirreferi d-*data*. Kwalunkwe reviżjoni tad-*data* tat-trimestri preċedenti għandha tiġi trażmessa fl-istess ħin.

4. Il-ħin tat-trażmissjoni speċifikat fil-paragrafu 3 jista' jiġi aġġustat, b'massimu ta' ħamest ijiem, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).

5. L-ewwel trażmissjoni ta' *data* trimestrali għandha tkun tad-*data* tat-tielet trimestru ta' l-2005. L-Istati Membri għandhom iwasslu din id-*data* mhux aktar tard mit-3 ta' Jannar 2006. L-ewwel trażmissjoni għandha tinkludi *data* b'lura għall-perjodi mill-ewwel trimestru ta' l-1999.

*Artikolu 3*

**L-Obbligi ta' Rappurtaġġ**

1. L-Istati Membri kollha għandhom jittrażmettu d-data deskritta fl-Anness, fir-rigward tal-bqija tas-settur dinji (S.2) u s-settur tal-gvern ġenerali (S.13). Stat Membru li għalih il-prodott gross domestiku skond prezzijiet kurrenti normalment jirrappreżenta aktar minn 1 % tat-total Komunitarju korrispondenti għandu jittrażmetti d-*data* deskritta fl-Anness għas-setturi istituzzjonali kollha.

2. Il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-persentaġġ tat-total tal-prodott gross domestiku Komunitarju skond il-prezzijiet attwali li normalment jirrappreżenta l-prodott gross domestiku ta' Stat Membru, kif speċifikat fil-paragrafu 1, abbażi tal-medja aritmetika tad-*data* annwali ta' l-aħħar tliet snin trażmessa mill-Istati Membri.

3. Il-proporzjon (1 %) tat-total Komunitarju msemmi fil-paragrafu 1 jista' jiġi aġġustat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).

4. Derogi minn dan ir-Regolament jistgħu jiġu aċċettati mill-Kummissjoni jekk is-sistemi ta' statistika nazzjonali jkunu jeħtieġu adattazzjoni maġġuri. Tali derogi m' għandhomx idumu aktar minn tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jew tal-miżuri implimentattivi adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).

*Artikolu 4*

**Id-Definizzjonijiet u l-Istandards**

L-istandards, id-definizzjonijiet, il-klassifikazzjonijiet u r-regoli tal-kontabilità għal *data* trażmessa għall-fini ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu dawk stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2223/96 (minn issa 'l quddiem imsejjaħ ir-"Regolament ESA").

*Artikolu 5*

**Is-Sorsi tad-*Data* u l-Ħtiġiet ta' Konsistenza**

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru l-informazzjoni mitluba f'dan ir-Regolament billi jużaw is-sorsi kollha li jikkunsidraw rilevanti, filwaqt li jagħtu prijorità għal informazzjoni diretta bħal sorsi amministrattivi jew sondaġġi ta' intrapriżi u ta' nukleji familjari.

Meta tali informazzjoni diretta ma tistax tinġabar, b'mod partikolari fir-rigward tad-*data* b'lura meħtieġa taħt l-Artikolu 2(5), jistgħu jiġu trażmessi l-aħjar estimi.

2. Id-*data* trażmessa minn Stati Membri għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandha tkun konsistenti mal-kontijiet trimestrali mhux finanzjarji tal-gvern ġenerali u l-aggregati ewlenin trimestrali ta' l-ekonomija totali, trażmessa lill-Kummissjoni taħt il-programm ta' trażmissjoni ta' *data* tar-Regolament ESA.

([1]) ĠU L 181, tat-28.6.1989, p. 47.
([2]) ĠU L 59, tas-6.3.1991, p.19.

3. Id-*data* trimestrali trażmessa mill-Istati Membri għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandha tiġi allinjata mad-*data* annwali korrispondenti trażmessa taħt il-programm ta' trażmissjoni ta' *data* tar-Regolament ESA.

*Artikolu 6*

**L-Istandards ta' Kwalità u r-Rapporti**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li l-kwalità tad-*data* trażmessa titjieb maż-żmien sabiex tilħaq l-istandards tal-kwalità komuni li għandhom jiġu definiti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).

2. L-Istati Membri għandhom ifornu lill-Kummissjoni b'deskrizzjoni aġġornata tas-sorsi, l-metodi u t-trattamenti ta' l-istatistika użati fi żmien sena mill-ewwel trażmissjoni ta' *data* tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b' bidliet maġġuri ta' metodoloġija jew bidliet oħrajn li jaffettwaw id-*data* trażmessa sa mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tali bidla jkollha effett.

*Artikolu 7*

**Il-Miżuri ta' Implimentazzjoni**

Il-miżuri ta' implimentazzjoni għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2). Tali miżuri għandhom jinkludu:

(a) li tiġi stabbilita l-iskeda ta' żmien għat-trażmissjoni tal-punti P.1, P.2, D.42, D.43, D.44, D.45 u B.4G skond l-Artikolu 2(2);

(b) li jsir rekwiżit li t-transazzjonijiet li jidhru fl-Anness jiġu maqsuma skond is-settur kontroparti skond l-Artikolu 2(2);

(ċ) li tiġi riveduta l-iskeda ta' żmien tat-trażmissjonijiet trimestrali skond l-Artikolu 2(4);

(d) li jiġi aġġustat il-proporzjon (1 %) tat-total Komunitarju sabiex jiġi determinat l-obbligu li tiġi trażmessa *data* għas-setturi istituzzjonali kollha skond l-Artikolu 3(3);

(e) li jiġu definiti l-istandards ta' kwalità tad-*data* skond l-Artikolu 6(1).

*Artikolu 8*

**Il-Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat tal-Programm ta' l-Istatistika.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jittiehed kont tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

*Artikolu 9*

**Ir-Rapport dwar l-Implimentazzjoni**

Fi żmien ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tiegħu.

B'mod partikolari r-rapport għandu:

(a) jipprovdi informazzjoni dwar il-kwalità ta' l-istatistika li tkun saret;

(b) jistma l-benefiċċji favur il-Komunità, l-Istati Membri u l-fornituri u l-utenti ta' informazzjoni statistika ta' l-istatistiċi li jkunu saru meta mqabbla ma' l-ispiża tagħhom;

(ċ) jidentifika oqsma għal titjib potenzjali u emendi li huma kkunsidrati meħtieġa fid-dawl tar-riżultati miksuba.

*Artikolu 10*

**Id-Dħul fis-Seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| … | … |

*L-ANNESS*

**Trażmissjoni ta' data**

| | | Użi | | | | | | | Riżorsi | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | S1 | S1N | S11 | S12 | S13 | S14_S15 | S2 | S1 | S1N | S11 | S12 | S13 | S14_S15 | S2 |
| | | Ekonomija totali | Ekonomija totali mhux speċifikata | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | Korporazzjonijiet finanzjarji | Gvern ġenerali | Nuklei familjari u NPISH | Bqija tad-dinja | Ekonomija totali | Ekonomija totali mhux speċifikata | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | Korporazzjonijiet finanzjarji | Gvern ġenerali | Nuklei familjari u NPISH | Bqija tad-dinja |
| P1 | Output | | | | | | | | X | | X | X | X | X | |
| P2 | Konsum intermedjarju | X | | X | X | X | X | | | | | | | | |
| P.3 | Spiża tal-konsum finali | X | | | | X | X | | | | | | | | |
| P.31 | Spiża tal-konsum individwali | X | | | | X | X | | | | | | | | |
| P.32 | Spiża tal-konsum kollettiv | X | | | | X | | | | | | | | | |
| P.5 | Formazzjoni gross ta' kapitali | X | | X | X | X | X | | | | | | | | |
| P.51 | Formazzjoni gross ta' kapitali fiss | X | | X | X | X | X | | | | | | | | |
| P.5N | Bidliet fl-inventarji u l-akkwisti mingħajr il-ġessjoni ta' affarijiet ta' valur | X | | X | X | X | X | | | | | | | | |
| P.6 | Esportazzjoni ta' merkanzija u servizzi | | | | | | | X | | | | | | | |
| P.7 | Importazzjoni ta' merkanzija u servizzi | | | | | | | | | | | | | | X |
| D.1 | Kumpens għall-impjegati | X | | X | X | X | X | X | X | | | | | X | X |
| D.2 | Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni | X | X | X | X | X | X | | X | | | | X | | X |
| D.21 | Taxxi fuq prodotti | X | X | | | | | | X | | | | X | | X |
| D.29 | Taxxi oħra fuq il-produzzjoni | X | | X | X | X | X | | X | | | | X | | X |
| D.3 | Sussidji | X | | | | X | | X | X | X | X | X | X | X | |
| D.31 | Sussidji fuq prodotti | X | | | | X | | X | X | X | | | | | |
| D.39 | Sussidji oħra fuq il-produzzjoni | X | | | | X | | X | X | | X | X | X | X | |
| D.21-D.31 | Taxxi mingħajr sussidji (fuq prodotti) | | | | | | | | X | X | | | | | |
| D.4 | Dħul minn propjetà | X | | X | X | X | X | X | X | | X | X | X | X | X |
| D.41 | Interessi | X | | X | X | X | X | X | X | | X | X | X | X | X |

| | | Użi | | | | | | | Riżorsi | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | S1 | S1N | S11 | S12 | S13 | S14_S15 | S2 | S1 | S1N | S11 | S12 | S13 | S14_S15 | S2 |
| | | Ekonomija totali | Ekonomija totali mhux speċifikata | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | Korporazzjonijiet finanzjarji | Gvern ġenerali | Nuklei familjari u NPISH | Bqija tad-dinja | Ekonomija totali | Ekonomija totali mhux speċifikata | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | Korporazzjonijiet finanzjarji | Gvern ġenerali | Nuklei familjari u NPISH | Bqija tad-dinja |
| D.4N | Dħul minn propjetà barra minn interessi | X | | X | X | X | X | X | X | | X | X | X | X | X |
| D.42 | Dħul distribwit ta’ korporazzjoni | X | | X | X | | X | X | X | | X | X | X | X | X |
| D.43 | Dħul rinvestit minn F:D:I | X | | X | X | | | X | X | | X | X | X | X | X |
| D.44 | Dħul minn propjetà att. għal detenturi ta’ polza ta’ assigurazzjoni | X | | X | X | | | X | X | | X | X | X | X | X |
| D.45 | Kirjiet | X | | X | X | X | X | | X | | X | X | X | X | |
| D.5 | Taxxi kurrenti fuq id-dħul, ġid, eċċ. | X | | X | X | X | X | X | X | | | | X | | X |
| D.6 | Kontribuzzjonijiet u benefiċċji soċjali | X | | X | X | X | X | X | X | | X | X | X | X | X |
| D.61 | Kontribuzzjonijiet soċjali | X | | | | | X | X | X | | X | X | X | X | X |
| D.62 | Benefiċċji soċjali barra minn trasferimenti soċjali in natura flus | X | | X | X | X | X | X | X | | | | | X | X |
| D.63 | Trasferimenti soċjali in natura flus | X | | | | X | X | | X | | | | | X | |
| D.7 | Trasferimenti kurrenti oħra | X | | X | X | X | X | X | X | | X | X | X | X | X |
| D.71 | Prijmjums netti fuq assigurazzjonijiet mhux fuq il-ħajja | X | | X | X | X | X | X | X | | | X | X | | X |
| D.72 | Pretensjonijiet fuq assigurazzjonijiet mhux fuq il-ħajja | X | | | X | | | X | X | | X | X | X | X | X |
| D.7N | Trasferimenti kurrenti oħra | X | | X | X | X | X | X | X | | X | X | X | X | X |
| D.8 | Aġġustament għall-bidla fl-ekwità netta ta’ nuklei familjari fir-riżervi ta’ fondi għall-pensjoni | X | | X | X | X | X | X | X | | | | | X | X |
| D.9 | Transferimenti ta’ kapital | X | | X | X | X | X | X | X | | X | X | X | X | X |
| D.91 | Taxxi fuq kapital | X | | X | X | | X | X | X | | | | X | | |
| D.9N | Għotjiet għal investiment u trasferimenti oħrajn ta’ kapital | X | | X | X | X | X | X | X | | X | X | X | X | X |
| K.1 | Konsum ta’ kapital fiss | X | | X | X | X | X | | X | | X | X | X | X | |
| K.2 | L-akk. mingħajr id-disp. ta’ assi mhux fin. u mhux ta’ prod. | X | | X | X | X | X | X | | | | | | | |

| | | Punti ta' bilanċ | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | S1 | S1N | S11 | S12 | S13 | S14_S15 | S2 |
| | | Ekonomija totali | Ekonomija totali mhux speċifikata | Korporazzjonijiet mhux finanzjarji | Korporazzjonijiet finanzjarji | Gvern ġenerali | Nuklei familjari u NPISH | Bqija tad-dinja |
| B.1G | Valur gross miżjud | X | X | X | X | X | X | |
| B.1N | Valur nett miżjud | X | X | X | X | X | X | |
| B.2G | Eċċess operattiv (Gross) | X | | X | X | X | X | |
| B.3G | Dħul imħallat (Gross) | X | | | | | X | |
| B.4G | Dħul intraprenditorjali (Gross) | X | | X | X | | X | |
| B.5G | Bilanċ tad-dħul primarju (Gross) | X | | X | X | X | X | |
| B.6G | Dħul disponibbli (Gross) | X | | X | X | X | X | |
| B.7G | Dħul disponibbli aġġustat (Gross) | X | | | | X | X | |
| B.8G | Tfaddil (Gross) | X | | X | X | X | X | |
| B.9 | Self nett lil/Self nett mingħand | X | | X | X | X | X | X |
| B.11 | Bilanċ estern ta' merkanzija u servizzi | | | | | | | X |
| B.12 | Bilanċ estern kurrenti | | | | | | | X |

## DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

### I. INTRODUZZJONI

1. Fis-17 ta' Diċembru 2003, il-Kummissjoni ssottomettiet proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kompilazzjoni ta' kontijiet mhux finanzjarji ta' kull tliet xhur skond is-settur istituzzjonali ([1]), abbażi ta' l-Artikolu 285 tat-Trattat dwar il-KE.

2. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-4 ta' Frar 2004 ([2]).

3. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-1 ta' April 2004 ([3]).

4. Il-Kummissjoni ma ssottomettietx proposta emendata.

5. Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni komuni tiegħu skond l-Artikolu 251 tat-Trattat dwar il-KE fit-8 ta' Marzu 2005.

### II. L-GĦAN

6. L-għan ta' din il-proposta għal Regolament hu li jiġi pprovdut qafas komuni għall-kontributi ta' l-Istati Membri għall-kompilazzjoni ta' kontijiet Ewropej ta' kull tliet xhur skond is-settur istituzzjonali.

### III. POŻIZZJONI KOMUNI

***Premessi***

7. Il-Kunsill emenda l-premessa 5, billi ħassar l-espressjoni "meta dawn huma residenti fiż-żona Ewropea" biex jaċċetta b'mod sħiħ l-unika emenda tal-Parlament Ewropew. Din il-premessa ġiet mibdula sabiex jiġi kkjarifikat li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament jinkludi "l-Unjoni Ewropea jew iż-żona-Euro, skond liema hija applikabbli", minflok iż-"żona Ewropea".

***Artikoli***

**L-Artikolu 1 (L-iskop)**

8. L-Artikolu 1 ġie aċċettat hekk kif kien fil-proposta tal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew ma ssuġġerixxa l-ebda emenda.

**L-Artikolu 2 (It-trażmissjoni ta' kontijiet mhux finanzjarji ta' kull tliet xhur skond is-settur istituzzjonali)**

9. Il-paragrafu 1 ġie aċċettat hekk kif kien fil-proposta tal-Kummissjoni.

10. Fil-paragrafu 2 il-Kunsill żied is-sentenza: "Kwalunkwe tali deċiżjoni m'għandhiex tiġi adottata qabel ma l-Kummissjoni tkun irrapportat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament skond l-Artikolu 9.". Bl-introduzzjoni ta' din l-emenda l-Kunsill stabbilixxa li t-trasmissjoni ta' aktar *data* rigward analiżi aktar dettaljata ta' transazzjonijiet mhix ser isseħħ qabel ma l-Kummissjoni Ewropea tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (fi żmien perijodu massimu ta' 5 snin) dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament.

11. Fil-paragrafu 3 l-Kunsill daħħal sentenza ġdida: "Matul perijodu transitorju ta' tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament id-*data* ta' kull tliet xhur imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tingħata lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 95 jum kalendarju wara t-tmiem tat-tliet xhur li magħhom hi relatata d-*data*." biex jippermetti li jkun hemm perijodu transitorju ta' tliet snin li matulu l-Istati Membri jeħtieġu jagħtu lill-Kummissjoni d-*data* ta' kull tliet xhur imsemmija fil-paragrafu 1 fi żmien terminu perentorju ta' 95 jum minflok id-90 jum proposti inizjalment mill-Kummissjoni.

---
([1]) KUMM (2003) 0789 finali.
([2]) ĠU C 42 tat-18 ta' Frar 2004, p. 23.
([3]) ĠU C 103, tad-29.4.2004, p. 141.

12. Il-paragrafu 4 ġie aċċettat hekk kif kien fil-proposta tal-Kummissjoni.

13. Fil-paragrafu 5 l-Kunsill issostitwixxa "l-ewwel kwart" bi "it-tielet kwart"u "30 ta' Ġunju 2005" bi "3 ta' Jannar 2006", u b'hekk ressaq 'il quddiem b'żewġ kwarti l-ewwel perijodu li tirrelata għalih l-ewwel trasmissjoni ta' *data* ta' kull tliet xhur u ressaq 'il quddiem b'nofs sena d-data biex l-Istati Membri jagħtu din id-*data*.

**L-Artikoli 3 (Obbligi ta' rapportar), 4 (Definizzjonijiet u standards), 5 (Sorsi ta' *data* u ħtiġiet ta' konsistenza), 6 (Rapporti u standards ta' kwalità), 7 (Miżuri ta' implimentazzjoni), 8 (Kumitat), 9 (Rapport dwar l-implimentazzjoni) u 10 (Dħul fis-seħħ)**

14. Dawn l-Artikoli ġew aċċettati hekk kif kienu fil-proposta tal-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew ma ssuġġerixxa l-ebda emenda għalihom.

## IV. EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW LI MA ĠEWX AĊĊETTATI

15. L-unika emenda proposta mill-Parlament Ewropew fl-ewwel qari tiegħu ġiet aċċettata.

## V. KONKLUŻJONIJIET

16. Fil-pożizzjoni komuni tiegħu, il-Kunsill assuma l-emenda proposta mill-Parlament Ewropew. Il-Kunsill iqis li l-modifiki introdotti fil-pożizzjoni komuni tiegħu huma għal kollox konformi ma' l-għanijiet tar-regolament. Il-bilanċ globali tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill ġie rikonoxxut mill-Kummissjoni, li aċċettatu bħala pakkett ta' kompromess sodisfaċenti.

# POŻIZZJONI KOMUNI (KE) Nru 22/2005

## adottata mill-Kunsill fl-4 ta' April 2005

## bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2005/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda għat-tnejn-u-għoxrin darba d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-markiting u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (ftalati f'ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal)

(2005/C 144 E/04)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Waqt li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) L-Artikolu 14 tat-Trattat jistabbilixxi żona mingħajr fruntieri interni li fiha huwa żgurat il-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital.

(2) Ix-xogħol fuq is-suq intern għandu jtejjeb il-kwalità tal-ħajja, il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumatur. Din id-Direttiva tikkonforma mal-ħtieġa li jiġu żgurati livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u protezzjoni tal-konsumatur fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika u l-attivitajiet kollha tal-Komunità.

(3) L-użu ta' ċerti ftalati f'ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal magħmula minn materjal plastiċizzat jew li jinkludu partijiet ta' materjal plastiċizzat għandu jiġi projbit minħabba li l-preżenza ta' ċerti ftalati tippreżenta jew tista' potenzjalment tippreżenta riskji relatati mas-saħħa tat-tfal.

(4) Il-Kumitat Xjentifiku dwar it-Tossiċità, l-Ekotossiċità u l-Ambjent (SCTEE), wara li ġie konsultat mill-Kummissjoni, ta opinjonijiet dwar ir-riskji għas-saħħa kkawżati minn dawn il-ftalati.

(5) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 98/485/KE ta' l-1 ta' Lulju 1998 dwar artikoli għall-kura tat-tfal u ġugarelli intiżi biex jitqiegħdu fil-ħalq minn tfal ta' taħt it-tliet snin, magħmula minn PVC artab li fih ċerti ftalati ([4]), stiednet lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri sabiex jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tat-tfal fir-rigward ta' dawn il-prodotti.

(6) Mill-1999, l-użu ta' sitt ftalati f'ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal intiżi biex jitqiegħdu fil-ħalq minn tfal ta' taħt it-tliet snin huwa soġġett għal projbizzjoni temporanja fuq il-livell ta' l-Unjoni Ewropea wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/815/KE ([5]) fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 92/59/KEE tad-29 ta' Ġunju 1992 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti ([6]). Din id-Deċiżjoni qiegħda tiġi mġedda regolarment.

(7) Limitazzjonijiet diġà adottati minn ċerti Stati Membri dwar it-tqegħid fuq is-suq ta' ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal minħabba l-kontenut tagħhom ta' ftalati jaffettwaw b'mod dirett l-ikkompletar u l-funzjonament tas-suq intern. Huwa għalhekk meħtieġ li l-liġijiet ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam jiġu approssimati u b'konsegwenza li jiġi emendat l-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE ([7]).

(8) Il-prinċipju ta' prekawzjoni għandu jiġi applikat fejn l-evalwazzjoni xjentifika ma tippermettix li r-riskju jiġi determinat b'biżżejjed ċertezza sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, b'mod partikolari għat-tfal.

(9) It-tfal bħala organiżmi li qed jiżviluppaw huma partikolarment vulnerabbli għal sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni. Għaldaqstant, l-esposizzjoni ta' tfal għal kull fonti ta' emissjoni ta' dawn is-sustanzi li jistgħu jiġu evitati b'mod prattiku, speċjalment għal artikoli li jitqiegħdu fil-ħalq mit-tfal, għandha titnaqqas kemm jista' jkun.

([1]) ĠU C 116 E, tat-30.4.2000, p. 14.
([2]) ĠU C 117, tas-26.4.2000, p. 59.
([3]) L-opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2000 (ĠU C 121, ta' l-24.4.2001, p.410), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2005 u l-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-...(għadha mhux pubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([4]) ĠU L 217, tal-5.8.1998, p. 35.
([5]) ĠU L 315, tad-9.12.1999, p. 46. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni 2004/781/KE (ĠU L 344, ta' l-20.11.2004 p. 35).
([6]) ĠU L 228, tal-11.8.1992, p. 24. Direttiva mibdula bid-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 11, tal-15.1.2002 p. 4).
([7]) ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/98/KE (ĠU L 305, ta' l-1.10.2004. p. 63).

(10) Matul l-istimi ta' riskju u/jew fi ħdan id-Direttiva kwadru tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikolużi [1], id-DEHP, id-DBP u l-BBP ġew identifikati bħala sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni u għalhekk ġew klassifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni, kategorija 2.

(11) Informazzjoni xjentifika fir-rigward tad-DINP, id-DIDP u d-DNOP hija nieqsa jew kontradittorja, iżda ma jistax jiġi eskluż li jponu riskju potenzjali jekk użati f'ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal, li bid-definizzjoni tagħhom huma prodotti għat-tfal.

(12) L-inċertezzi fl-evalwazzjoni ta' esposizzjoni għal dawn il-ftalati, bħal ħinijiet li fihom il-prodotti konċernati jkunu fil-ħalq u esposizzjoni minn fonti oħra, jeħtieġu li jittieħed kont ta' konsiderazzjonijiet ta' prekawzjoni. Għalhekk, għandhom jiġu introdotti restrizzjonijiet fuq l-użu ta' dawn il-ftalati għal ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal u fuq it-tqegħid fis-suq ta' tali artikoli. Madankollu, ir-restrizzjonijiet għad-DINP, id-DIDP u d-DNOP għandhom inkunu inqas ħarxa minn dawk proposti għad-DEHP, id-DBP u d-BBP għal raġunijiet ta' proporzjonalità.

(13) F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Prinċipju tal-Prekawzjoni, il-miżuri bbażati fuq dan il-prinċipju għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika ġdida.

(14) F' kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Membri responsabbli għas-sorveljanza u l-infurzar tas-suq għal ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal, u b'konsultazzjoni ma' l-organizzazzjonijiet rilevanti ta' produtturi u importaturi, il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-użu ta' ftalati u sustanzi oħra bħal plastifikanti f'ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal.

(15) Għall-fini tad-Direttiva 76/769/KEE, għandu jiġi definit it-terminu "artikolu għall-kura tat-tfal".

(16) Skond il-paragrafu 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar ta' liġijiet [2], il-Kunsill għandu jheġġeġ lill-Istati Membri biex ifasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, tabelli, li, sa fejn ikun possibbli, jillustraw il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' trasposizzjoni, u jagħmluhom pubbliċi.

(17) Il-Kummissjoni ser tirrevedi l-użu tal-ftalati elenkati fl-anness I għad-Direttiva 76/769/KEE fi prodotti oħra meta l-evalwazzjoni tar-riskju taħt ir-Regolament tal-Kunsill 793/93/KEE tat-23 ta' Marzu 1993 dwar l-evalwazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti [3]tkun ġiet fi tmiema.

(18) Din id-Direttiva tapplika mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni Komunitarja li tistabbilixxi ħtiġiet minimi għall-protezzjoni tal-ħaddiema fid-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri li jinkoraġġixxu t-titjib fis-sigurta' u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol [4]u fid-direttivi individwali bbażati fuqha, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 90/394/KEE tat-28 ta' Ġunju 1990 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati ma' l-espożissjoni għall-kanċeroġeni fuq il-post tax-xogħol [5]u d-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskju relatat ma' aġenti kimiċi fuq il-post tax-xogħol [6].

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

Id-Direttiva 76/769/KEE qegħda hawn tiġi emendata kif ġej:

1. Is-sub-paragrafu li ġej għandu jiġi miżjud ma' l-Artikolu 1(3):

"(ċ) 'artikolu għall-kura tat-tfal' tfisser kwalunkwe prodott intiż biex jiffaċilita l-irqad, ir-rilassament, it-tmigħ tat-tfal jew l-irdigħ min-naħa tat-tfal."

2. L-Anness I għandu jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness ma din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

Il-Kummissjoni għandha terġa' tevalwa, sa … (*) l-aktar tard, il-miżuri previsti fid-Direttiva 76/769/KEE kif emendata min din id-Direttiva fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika ġdida dwar sustanzi deskritti fl-Anness ta' din id-Direttiva u s-sostituti tagħhom, u jekk ikun ġustifikat, dawn il-miżuri għandhom jiġu modifikati kif xieraq.

*Artikolu 3*

1. Sa … (**) l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jinformaw b' dan lill-Kummissjoni minnufih.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn … (***).

(1) ĠU L 196, tas-16.8.1967. p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2004/73/KE (ĠU L 152, tat-30.4.2004, p. 1).

(2) ĠU C 321, tal-31.12.2003, p. 1.

(3) ĠU L 84, tal-5.4.1993, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, tal-31.10.2003, p.1).

(4) ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

(5) ĠU L 196, tas-26.7.1990, p. 1. Direttiva mħassra mid-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 158, tat-30.4.2004, p. 50).

(6) ĠU L 131, tal-5.5.1998, p. 11.

(*) Erba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) Sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(***) Tnax-il-xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fil-pubblikazzjoni uffiċali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir it-tali referenza jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet prinċipali ta' liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dik li fih tkun ġiet pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva qed tiġi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| … | … |

*L-ANNESS*

Il-punti li ġejjin għandhom jiġu miżjuda ma' l-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE:

| | |
|---|---|
| " [XX.] Il-ftalati li ġejjin (jew numri CAS- u EINECS oħra li jkopru s-sustanza):<br>ftalat tal-bis (2-etil hexil) bis *(2-ethylhexyl)* (DEHP)<br>Nru. CAS 117-81-7<br>Nru. Einecs 204-211-0<br>ftalat tad-dibutil(DBP)<br>Nru. CAS 84-74-2<br>Nru. Einecs 201-557-4<br>ftalat tal-benzil butil(DBP)<br>Nru. CAS 85-68-7<br>Nru. Einecs 201-622-7 | M'għandhomx jintużaw bħala sustanzi jew bħala kostitwenti ta' preparazzjonijiet, f'konċentrazzjonijiet akbar minn 0.1 % tal-massa tal-materjal plastiċizzat, f'ġugarelli u artikoli għall- kura tat-tfal.<br>Tali ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal li fihom dawn il-ftalati f'konċentrazzjoni akbar mill-limitu msemmi hawn fuq m' għandhomx jitqiegħdu fis-suq. |
| [XXa.] Il-ftalati li ġejjin (jew numri CAS- u EINECS oħra li jkopru s-sustanza):<br>ftalat tad-di-"isononil"(DINP)<br>Nru. CAS 28553-12-0 u 68515-48-0<br>Nru. Einecs 249-079-5 u 271-090-9<br>ftalat tad-di-"isodeċil"' di-"isodeċil"(-DINP)<br>Nru. CAS 26761-40-0 u 68515-49-1<br>Nru. Einecs 247-977-1 u 271-091-4<br>ftalat tad-dinoktil(DNOP)<br>Nru. CAS 117-84-0<br>Nru. Einecs 204-214-7 | M'għandhomx jintużaw bħala sustanzi jew bħala kostitwenti ta' preparazzjonijiet, f'konċentrazzjonijiet akbar minn 0.1 % tal-massa tal-materjal plastiċizzat, f'ġugarelli u artikoli għall- kura tat-tfal intiżi għal tfal taħt it-tliet snin u li jistgħu jitqiegħdu fil-ħalq minnhom.<br>Tali ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal li fihom dawn il-ftalati f'konċentrazzjoni akbar mill-limitu msemmi hawn fuq m' għandhomx jitqiegħdu fis-suq. " |

# DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJIET TAL-KUNSILL

## I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni ssottomettiet lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew il-proposta ([1]) tagħha biex tiġi emendata għat-22 darba d-Direttiva 76/769/KEE fl-24 ta' Novembru 1999, ibbażata fuq l-Art. 95 tat-Trattat tal-KE.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta Opinjoni ([2]) fil-15 ta' Frar 2000.

Il-Parlament Ewropew temm l-ewwel qari tiegħu u ta Opinjoni ([3]) fis-6 ta' Lulju 2003.

Fl-4 ta' April 2005, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni tiegħu kif imniżżla fid-dok. 5467/05.

## II. L-GĦAN

L-abbozz tad-Direttiva għandu x'jaqsam mal-markiting u l-użu ta' ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal li jikkontjenu ftalati. Fil-forma oriġinali tagħha hi pprevediet il-projbizzjoni ta' sitt ftalati differenti f'ġugarelli u f'artikoli għall-kura tat-tfal li jikkontjenu l-PVC u maħsuba biex jitqiegħdu fil-ħalq minn tfal ta' taħt it-tliet snin.

Il-Parlament Ewropew, fl-ewwel qari tiegħu, adotta riżoluzzjoni dwar ftalati u sigurtà tal-ġugarelli li tipproponi xi emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. L-emendi prinċipali huma dawn li ġejjin:

— Fil-każ ta' ġugarelli li jikkontjenu ftalati u li huma maħsuba għal tfal ta' bejn it-tliet u s-sitt snin, imma li tfal iżgħar jistgħu jdaħħlu f'ħalqhom, għandhom jitpoġġew twissijiet fuq l-imballaġġ u fuq il-ġugarell innifsu.

— Il-projbizzjoni għandha tapplika għall-ftalati kollha u mhux biss għas-sitta mniżżla fil-proposta tal-Kummissjoni.

— Il-projbizzjoni għandha tiġi estiża wkoll għall-ġugarelli kollha, mhux biss għall-ġugarelli maħsuba għal tfal ta' taħt it-tliet snin, u mhux biss għall-ġugarelli li huma magħmula biex jitpoġġew fil-ħalq. Ġugarelli li t-tfal jistgħu jpoġġuhom fil-ħalq jista' jkollhom konċentrazzjonijiet ta' mhux aktar minn 0,5 %, flok 1 % kif previst fil-proposta tal-Kummissjoni.

— M'għandhomx jiżdiedu fwejjaħ ma' ġugarelli, li jikkontjenu ftalati, li t-tfal jistgħu jpoġġu f'ħalqhom.

Fil-25 ta' Mejju 2000, il-Kunsill eżamina l-fajl imma ma kienx kapaċi jilħaq ftehim dwar pożizzjoni komuni.

Sadattant, ir-riżultati ta' valutazzjonijiet ta' riskji ġodda saru disponibbli, u deher xieraq li jissaħħu ftit mid-dispożizzjonijiet oriġinali, f'konformità ma' dak li l-Parlament Ewropew ikkonkluda. Fl-24 ta' Settembru 2004, il-Kunsill laħaq qbil politiku b'unanimità dwar l-abbozz tad-Direttiva, li temenda għat-22 darba d-Direttiva 76/769/KEE, kif imniżżla fl-Anness I għad-dokument 12469/04.

## III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI KOMUNI KIF IMNIŻŻLA FID-DOK. 5467/05

### 1. Ġenerali

Għalkemm ma tinkorporax l-emendi kollha tal-Parlament Ewropew, il-Pożizzjoni Komuni twessa konsiderevolment il-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni, billi tissostitwixxi t-tikkettjar bi projbizzjoni diretta u tiżgura ċertezza legali billi tiddefinixxi b'mod ċar il-punti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni (definizzjoni ta' artikolu għall-kura tat-tfal, identika għal dik li hemm fid-Direttiva tal-Ġugarelli ([4]), ġiet miżjuda).

([1]) ĠU C 116 E tas-26 ta' April 2000, p. 14.
([2]) ĠU C 117 tas-26 ta' April 2000, p. 17.
([3]) ĠU C 121 ta' l-24 ta' April 2001, p. 410.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummisjoni 1999/815/KE (ĠU L 315 tad-9 ta' Diċembru 1999, p. 46.)

L-emendi 1, 3, 4, 6 u 8 ġew aċċettati fil-prinċipju, għalkemm ġew abbozzati mill-ġdid.

L-emendi 18, 2, 5, 11, 24, 7, 17/rev., 16 u 19 ma ġewx meqjusa aċċettabbli.

2. **Elementi ġodda li jinsabu fil-Pożizzjoni Komuni kif imqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni**

Ir-reċiti 3, 4 u 7 sarulhom tibdiliet żgħar fl-abbozzar, il-biċċa l-kbira minnhom ta' natura legali. Ir-reċiti ġodda 6 u minn 9 sa 15 ġew miżjuda, biex jindikaw li projbizzjoni temporanja hija diġà fis-seħħ u biex jiċċaraw ir-relazzjoni bejn il-ftalati li jridu jiġu pprojbiti, il-prinċipju ta' prekawzjoni u l-proċeduri ta' valutazzjoni tar-riskju.

Id-definizzjoni ta' "artikolu għall-kura tat-tfal" ġiet introdotta fl-Art. 1(1) il-ġdid.

L-Artikolu 2 ġie abbozzat mill-ġdid biex jintroduċi l-obbligu għall-Kummissjoni li tirrevedi dawn il-miżuri fi żmien erba' snin mid-dħul fis-seħħ tagħhom.

L-Artikolu 3 ġie abbozzat mill-ġdid biex jikkonforma mal-linji gwida dwar l-abbozzar ta' testi leġislattivi, u biex iżid l-obbligu għall-Istati Membri biex jinnotifikaw il-miżuri ta' trasposizzjoni lill-Kummissjoni.

Fl-Anness, il-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni ġiet iċċarata, billi ġiet estiża, minn DEHP, DBP u BBP għal ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal kollha; għal DINP, DIDP u DNOB, il-projbizzjoni tkopri ġugarelli u artikoli għall-kura tat-tfal intiżi għal tfal ta' taħt it-tliet snin u li huma jistgħu jpoġġu f'ħalqhom. Fiż-żewġ każi, ġie ċċarat li l-limitu ta' konċentrazzjoni ta' 0,1 % tal-massa japplika għall-massa ta' materjal plastiċizzat, sabiex fil-każ ta' oġġetti li jinkludu kemm materjal plastiċizzat u komponenti oħra, jibqa' applikabbli bi sħiħ għall-parti plastiċizzata biss.

IV. **KONKLUŻJONI**

Il-Kunsill, permezz tal-Pożizzjoni Komuni tiegħu, jixtieq li jimxi 'l quddiem fl-istess direzzjoni bħall-Parlament Ewropew, billi jwessa' b'mod sinifikanti l-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjoni, jissostitwixxi t-tikkettjar bi projbizzjoni diretta. Il-Kunsill jemmen li dan ser jassisti ħafna lejn l-adozzjoni ta' projbizzjoni permanenti, soġġetta għal reviżjoni kontinwa, u jwassal għal projbizzjoni iżjed usa, jekk toħroġ evidenza xjentifika ġdida wara d-dħul fis-seħħ tiegħu.